JANNAR 2008 – IT-28 SENA – GĦADD 276 – NEWSPAPER POST – IISN 1811-5373



# dawl Franġiskan

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN













3 **Inħarsu b'Żewġ Modi**
Editorjal

4 **Dalila - Il-mara li ħaddnet l-imħabba eros**
minn Mons. Lawrenz Sciberras

6 **Teleskopju fuq il-Ħajja**
minn P. William Axiaq OFMCap

8 **Esperjenza**
minn Emily Barbaro-Sant

10 **Missjoni**
minn Mons. Francis Baldacchino,
Isqof tad-Djoċesi ta' Malindi, il-Kenja

12 **Novella**
minn Dr. Mario Saliba MD

14 **Il-Kapuċċini f'Malta**
minn Winston L. Zammit B.A. (Hons), P.G.C.E., M.A.

16 **OFS - Memoriale Propositi (1221)**
minn Joyce Zammit

17 **OFS - It-TAW**
minn Fr Godfrey Zarb OFMCap

18 **Okkult**
minn Fr Franco Fenech OFMCap

19 **It-Tarka u x-Xabla**
minn Dr Tonio Piscopo MD, MRCP (UK), DTM&H (Lond.)

20 **Ambjent**
minn Charles Galdes

22 **Iż-Żwieġ Nisrani**
minn Manuel Micallef

24 **Tweġiba**
minn P. William Axiaq OFMCap

25 **Gi.FRA - Il-Festi u ż-Żgħażagħ**
minn Jason Sammut

26 **Vokazzjonali**
minn Br Dennis Calleja OFMCap

27 **Ġustizzja - Il-Konvenju (3)**
minn Dr Mark Anthony Mifsud Cutajar LL.D

28 **Il-Bolol ta' Malta (3)**
minn Tony C Cutajar

29 **Kristu Rè 2007**

30 **Kompetizzjonijiet**
minn P. Wistin Attard OFMCap

31 **Is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-xogħol (3)**
minn Martin Bugeja


**Ħlas ta' l-Abbonament: €9.32 (Lm4.00) fis-sena.**
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur:
**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN1211**



*Qoxra:*
**Il-Madonna bil-Bambin Ġesù**

***Pittura li tinsab fil-Mużew tal-Kapuċċini, Floriana. Oil on canvas (50x63cm)***


**BORD EDITORJALI**

**Editur**
Leonard Falzon OFMCap

**Amministratur**
Crispin Tabone OFMCap

**Distributur**
Dorian Holland OFS

**Membri**
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap

**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - FRN1211
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: leofalzon@waldonet.net.mt

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone
Mob: 9947 3763

**MITBUGĦ**
Gutenberg Press Ltd.
Tel: 2189 7037


*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*


© Dawl Franġiskan 2008


Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini



# INĦARSU B'ŻEWĠ MODI

**Ix-xahar ta' Jannar huwa msemmi għal alla Ruman Janus, l-alla tal-bibien, tal-bidu u t-tmiem. Janus għandu żewġ uċuħ. B'wieħed isellem lit-tmiem u bl-ieħor jagħti merħba lill-bidu.**

Dan Ix-xahar Jagħlaq sena u Jiftaħ oħra. Fis-sena li għaddiet ġarrabna minn kollox. Jekk nirriflettu ftit naraw kemm ħajjitna kienet minsuġa minn mumenti sbieħ u koroh, ta' dawl u ta' dlam, ta' qtiegħ il-qalb u ta' kuraġġ liema bħalu. Fi kliem Koħelet indunajna li **"kollox għandu żmienu, u kull ħaġa għandha waqtha taħt is-sema"** (Koħ 3:1). Jiddependi minna minn kemm għarafna u ħallejna l-Mulej imexxina fl-esperjenzi tagħna.

Quddiem l-imgħoddi tagħna żewġ attitudnijiet jispikkaw. L-ewwel attitudni hija ta' radd il-ħajr. Mas-salmista niżżu ħajr lill-Mulej għaliex ħassejna l-preżenza tiegħu magħna fl-eqqel ta' sitwazzjonijiet imwiegħa li ssussaw ħajjitna. **"Sejjaħt il-Mulej fid-dwejjaq tiegħi; u l-Mulej weġibni, u ħarisni fil-wisa' (S 118:5). Tant konna magħqudin miegħu li mas-Salmista azzardajna nisfidaw lil kulħadd għax emminna li hu dejjem kien se jidħol għalina. "La l-Mulej miegħi, m'għandix għax nibża' x'jista' jagħmilli l-bniedem. Il-Mulej miegħi, hu l-għajnuna tiegħi, u nħares b'wiċċi minn quddiem lejn l-għedewwa tiegħi"** (S 118:6-7).

It-tieni attitudni li jeħtieġ li jkollna lejn dak li għaddejna minnu s-sena li għaddiet hija li nitolbu maħfra lill-Mulej. Mas-Salmista aħna mistiedna nistqarru ħżunietna lill-Mulej. **"Id-dnub tiegħi jien stqarrejtlek, u l-ħażen tiegħi ma ħbejtulekx. Jien għedt: 'Quddiem il-Mulej nistqarr ħtijieti.' U inti ħfirtli l-ħażen tad-dnub tiegħi"** (S 32:5). Meta nitolbu maħfra sinċiera lill-Mulej għal ħażen li wettaqna mas-Salmista nintebħu li minkejja t-tgħaffiġ li għaffiġna l-ħniena u l-fedeltà tal-Mulej kienu dejjem magħna. Minna kien naqas li ċaħħadna lilna nfusna mill-ħelsien, il-ferħ u l-protezzjoni li l-Mulej waħdu jaf jagħti.

It-tieni mod kif nistgħu nħarsu lejn il-ġejjieni li ġġib magħha sena ġdida huwa ta' tama. Din it-tama tissarraf jekk nitolbu lill-Mulej id-don tal-għarfien tar-rieda tiegħu għalina f'dan iż-żmien li ġej. It-talba tas-Salmista tqawwilna qalbna għas-sena 2008. **"Fakkarni mas-sebħ fi tjubitek, għax fik jien nittama. Għarrafni t-triq li minnha għandi ngħaddi, għax lejn nerfa' ruħi... Għallimni nagħmel ir-rieda tiegħek, għax int Alla tiegħi. L-ispirtu tajjeb tiegħek imexxini fuq art watja... Int kenn għalija, mit-taħbit tħarisni, iddawwarni u tferraħni bil-ħelsien tiegħek"** (S 143:8. 10;S 32:7).

**Is-sena t-tajba lil kulħadd!** •

# Dalila

## IL-MARA LI ĦADDNET L-IMĦABBA EROS

**Ġrajja oħra msawra u ngastata waħda sew mal-ktieb ta' l-Imħallfin hija dik tal-mara pagana Dalila. Il-ħajja ta' Dalila, mara Filistija mill-wied ta' Sorek, tkun nieqsa minn parti essenzjali jekk wieħed ma jorbotx magħha dik ta' l-imħallef Sansun. Inkiteb ħafna dwar dawn iż-żewġ persunaġġi u xejn anqas inħadmu wkoll films. Sewwa li ngħidu wkoll li l-esaġerazzjonijiet dwar dawn iż-żewġ persunaġġi ma naqsux. Jibqa' però fatt li Dalila, mara minn ulied il-Filistin, qarqet b'ħajjet Sansun.**



### L-IMĦALLEF SANSUN

Dan il-bniedem kellu fih l-ispirtu tal-Mulej, tant li kien imżejjen b'saħħa li bħalha qatt ma dehret. Din is-saħħa Alla żejjen biha lil Sansun biex jeħles lil Iżrael mill-id tqila tal-Filistin. Mhux biss, imma l-imħallef Sansun kien ġie kkonsagrat lil Mulej, mela sar nażlr. Hekk ħabbar anġlu tal-Mulej lil omm Sansun. **"Int se titqal u tiled iben, u l-mus ma jgħaddix minn fuq rasu, għax it-tifel nażir ikkonsagrat lil Alla sa minn ġuf ommu"** (Mħal 13:4).

Minn dan jidher kemm Sansun kellu missjoni nobbli u għal għoxrin sena l-imħallef ta' Sorgħa mexxa u ħeles lill-poplu t'Alla minn ħafna għedewwa. Il-Filistin jippruvaw jaħbtu għall-Iżraelin, imma ma jirnexxilhomx għaliex kien hemm l-għajnuna f'waqtha ta' l-imħallef qalbieni Sansun. Dan kien rigal t'Ala lil Sansun biex bih jeħles lil poplu magħżul meta dan kien għaddej minn żmien tassew ikrah u mqalleb fl-istorja tiegħu.

Imma min jittarraf jiġġarraf. Hekk tgħallem l-esperjenza tal-ħajja. L-imħallef Sansun irvina ħajtu tassew u ġab il-mewt b'idejh stess għaliex ħalla li jiġi mirbuħ min-nisa. Il-ġmiel tan-nisa kien jagħmel bih, u ma kellux ħila jinduna li kienu l-għedewwa tiegħu stess, mela l-Filistin li qegħdin jiddubbaw bihom. L-aqwa fost dawn in-nisa kienet Dalila. Issa għal din il-kwalità ta' mara, qarrieqa minn fuq s'isfel, żgur li joqogħdu kliem il-Koħelet: **"U nsib dan: li aktar morra mlll-mewt hi l-mara; hi nassa minn fuq s'isfel, qalbha xibka u dirgħajha ktajjen. Min jogħġob 'l Alla jaħrab minnha, iżda l-midneb jibqa' maqbud minnha"** (Koħ 7:26).





## MARA PROSTITUTA

Kull min jilgħab man-nar jinħaraq. U hekk ġralu tassew Sansun. Dan kien bniedem sinċier u qalbu tajba ħafna. Dalila, mara prostituta, pagana, daqskemm makakka, bis-sewwa jew bid-dnewwa rnexxielha tittradixxi lil Sansun waħda sew. Għall-ewwel l-imħallef Lhudi ma qalx il-verità dwar minn fejn kien ġab is-saħħa u b'xi mod daħak b'Dalila. Darba, tnejn iva, imma mat-tielet darba Sansun daħal ġo xkora fina u perikoluża li nasbitlu Dalila.

Sansun ċeda u qal lil Dalila: **"Qatt ma għadda mus minn fuq rasi, għax jien nażir ikkonsagrat lil Alla sa minn ġuf ommi. Jekk inqaxxar xagħri, il-qawwa tiegħi tgħib għal kollox, u nsir bla saħħa bħal kull bniedem ieħor."** X'kien baqagħlu jgħid Sansun lil din il-mara qarrieqa? Huwa stqarr il kundanna tiegħu nnifsu; ġie milgħub waħda sew. U din il-logħba swiet lil Sansun ħafna u ħafna morr u tbatija.

Il-għan aħħari ta' Dalila wasal: hija daħħlet kemxa flus ġmielha u tat f'idejn il-Filistin l-akbar u l-aqwa għadu taghom; Sansun. Il-Filistin qalgħulu għajnejh u probabbilment Dalila kienet preżenti f'dik ix-xena makabra. U żgur li dan lil Sansun weġġagħlu qalbu wisq għax ra li lil min tant ħabb ittradih. L-imħallef spiċċa l-ħabs idawwar il-ġebla tal-mitħna. Ukoll il-Filistin ġieli ħadu lil Sansun fit-tempju ta' Dagon biex jgħadduh biż-żuffjett.

## IL-MEWT TA' DALILA

Fl-Iskrittura ma hemm xejn li jgħid kif mietet Dalila, imma bi ftit fantasija wieħed jista' jasal għal xi konklużjoni. Meta Sansun kien fil-maqdes ta' Dagon, **"id-dar kienet mimlija rġiel u nisa"**. Fl-aħħar imbagħad, wara li Sansun ġarraf it-tempju u qatel ħafna nies, il-ktieb sagru jagħmel din il-kunklużjoni tassew iebsa u li twaħħax. **"U l-għadd tal-mejtin li qatel f'mewtu kien akbar minn kemm kien qatel f'ħajtu"** (Mħal 16:30).

Minn hawn għalhekk wieħed jista' faċilment jikkonkludi li l-prostituta Dalila kienet fost dawn il-Filistin hemm fil-maqdes ta' Dasgon u spiċċat mirduma taħt il-ġebel. Dalila, isimha daħal fil-Kotba Mqaddsa minħabba l-imħallef Sansun. U issa ġrajjietha waqfet ukoll ma' dik ta' Sansun. Ta' mara makakka u bla qalb li kienet, hija wasslitu fejn żgur li hu qatt ma basar li se jasal. Ma ħarabx l-okkażjoni u waqa' waħda sew.

Quddiem kull okkażjoni għalhekk, wieħed qawwi kemm huwa qawwi għandu jaħrab dejjem, malajr u fil-bogħod. •



# TELESKOPJU FUQ IL-ĦAJJA

**Il-qawwa tal-ħsieb hija meraviljuża. Meta wieħed jaħseb kif suppost għandu jaħseb, suppost li mill-ħsieb jgħaddi għall-azzjoni, jew inkella għall-korrezzjoni tagħha jekk tkun żbaljata. Ir-riflessjonijiet li ġejjin jgħinuna nagħmlu hekk.**

## IS-SAFAR TA' ĦAFNA



Il-bniedem ta' llum għandu ansjetà kbira, li ħafna drabi nħalltuha mad-depressjoni li hi ħaġa oħra. Ħafna jippruvaw jeħilsu minnha b'xorb qawwi, drogi u sesswalità mhux leċita. Oħrajn b'mezzi oħra mhux daqshekk kefrin. Xi ħadd qal 'by travel where much is seen and little appreciated, during which one is so busy taking photographs that the interior delight in what is seen is lost.' Kos, fil-ħajja kemm hawn nies li jafu jirriflettu u r-riflessjoni tagħhom tkun oġġettiva, jiġifieri ma jmorrux żmerċ fuq il-ġudizzji mentali li jagħmlu.



In numru ta' dawk li jsiefru matul is-sena bi skop turistiku qed jiżdied minn żmien għal żmien. Kull fejn tmur ma tismax jekk mhux nies jirrakkuntaw fejn marru meta kienu barra minn pajjiżhom għal xi btala. Ħafna mill-aġenziji biex jiġbdu n-nies ħalli jsiefru ma' l-aġenzija tagħhom tarahom jgħammxulhom għajnejhom billi jgħidulhom li fi ħmistax-il ġurnata tgħidx kemm se jaraw postijiet. Fil-fatt hekk jiġri. Imma t-turisti b'dak il-ġiri kollu kemm ikunu apprezzaw affarijiet ta' gost naturali, storiku, estetiku, artistiku, arkeoloġiku...? Biex tapprezza trid tieqaf u taħseb, inkella l-affarijiet tkun rajthom biss mingħajr ma jħallu marka profonda fuqek. Aġenziji serji qatt ma jdaħħlu ħafna ġiri fil-vjaġġi turistiċi li jorganizzaw. Is-safar, jekk ma jkunx edukattiv, x'safar hu? Tberbiq ta' flus. Ġiri fieragħ bla ebda profitt, kif ħafna drabi qiegħed jiġri.

Illum kulħadd jiġbed ir-ritratti. Is-safar sar ritratti fuq ritratti. Ħafna nies tant qed jintilfu jiġbdu r-ritratti meta jsiefru li l-gost interjuri ta' dak li jkunu raw jitilfuh, għax moħħhom f'li jkattru l-albums tar-ritratti. Imma jekk dak li tara teħodlu r-ritratt biss mingħajr ma tkun taf jew titgħallem fuqu x'jiswielek?

> **Mulej, agħmilni għaqli fis-safar tiegħi, biex nirritorna f'pajjiżi għani f'kull sens.**

## EFFETT IR-RIKLAMAR U D-DANDIN TA' NIES SBIEĦ

F' **"Meeting the Living God"**, William J. O'Malley, Ġeżwita, jikteb: *"From our earliest years, parents try to convince their children not to judge people by their looks. It helps a bit, but against the omnipresence of TV, films and magazines flaunting 'the beautiful people', it becomes pretty ineffective. People who are physically repellent – or people who are just 'different' – tend to make us avert our eyes, pass them by*

*Not much likelihood we will get to know them unless we are forced to, and hardly any possibility we might listen to them or come to know them."*



Ir-riflessjoni tal-Ġeżwita Amerikan altru li hija minnha. Trid tieqaf u tirrifletti biex tinduna kemm hi realistika, kemm qed tiġri tassew, almenu fost perċentwal għoli ta' nies.

Fis-soċjetà li qegħdin ngħixu fiha sirna ossessjonati wisq bis-sbuħija fiżika kemm tagħna stess kif ukoll ta' ħaddieħor, speċjalment fejn jidħol il-wiċċ. Fuq it-televixin, fiċ-ċinema u fuq ir-rivisti u r-rotocalchi ma narawx ħlief nisa u rġiel li jarmu l ġmiel, u ġmiel imkabbar bis-sofistikazzjoni tal-kamera u l-kapaċità ta' min iħaddimha. Tant qed naraw minnhom kuljum li forsi f'ħajjitna qed jiġri li nies li ma tantx huma ħelwin narawhom iżjed koroh milli fil-fatt huma. Qisna ninsabu f'soċjetà li fiha hemm lok biss għal min hu sabiħ fiżikament. Min hu ikrah magħmula tiegħu.

Imma fil-ħajja mhux kulħadd sabiħ fil-bixra. Forsi d-dar, fuq ix-xogħol, fil-klassi ta' l-iskola, fis-soċjetà iżjed tiltaqa' ma' nies li la huma koroh u lanqas sbieħ jew inkella ma' nies koroh milli ma' artisti. Hija ħaġa faċli għall-aħħar li tinġibed u tindieħes ma' min hu ħelu – avolja forsi mbagħad issibu morr jew issibha morra, kif ħafna drabi jiġri! - milli tħoss attrazzjoni u ssir midħla ta' nies li huma koroh, imma sbieħ fin-natural u fil-karattru tagħhom. Sewwa jgħid il-Malti li mhux kull ma jleqq hu deheb!

In-nisrani jrid imur kontra l-ispirtu tad-dinja, billi jkun kapaċi jmur kontra tiegħu nnifsu. Irid iħobb nies li ma jinżlulux estetikament. Lil dawn ma jridx jistmellhom u jaħrabhom għax huma raw material għall-ħajja spiritwali tiegħu. •

**Mulej, agħmel li fil-ħajja ma nimxix b'dak li jogħġob l-għajn biss, għax nista' nkun mqarraq u nitlef ħafna ġid spiritwali.**



# APPOSTOLAT TAT-TALB

***Intenzjonijiet tal-Papa u ta' l-Isqfijiet tagħna għas-sena 2008.***

## L-OFFERTA TA' KULJUM

Alla Missier, noffrilek dan il-jum, bit-talb, il-ħsibijiet, il-kliem, il-ħidma, il-ferħ u t-tbatija kollha tiegħi f'għaqda sħiħa ma' Ġesù Ibnek, li jkompli joffri lilu nnifsu fl-Ewkaristija għall-ħelsien tad-dinja. Agħmel li l-Ispirtu s-Santu, li mexxa lil Ġesù, imexxi lili wkoll u jkun ta' qawwa għalija biex inkun xhud ta' l-imħabba tiegħek. Ma' Marija, omm il-Mulej u omm il-Knisja, nitolbok b'mod speċjali skond il-fehmiet tal-Papa għal dan ix-xahar.

## JANNAR

- **Sabiex il-Knisja żżid l-impenn tagħha favur l-għaqda sħiħa u viżibbli, biex turi biċ-ċar in-natura tagħha ta' komunità ta' mħabba.**
- **Sabiex il-Knisja fl-Afrika tkompli tkun sinja u għodda ta' ġustizzja u rikonċiljazzjoni.**
- **Biex id-djalogu li l-Knisja f'pajjiżna għandha mas-soċjetà tagħna jħalli kotra ta' frott.**



# L-UNIKU WIEĦED LI QATT QALLI... "GRAZZI"



**Fit-12 ta' Settembru 2007, il-gazzetta semi uffiċjali tal-Vatikan L'Osservatore Romano ħabbar li Arturo Mari, il-fotografu tagħha għal 51 sena, reġa' ta r-riżenja tiegħu u li din id-darba ġiet aċċettata. Kien diġà għamel dan tliet snin ilu, imma s-superjuri tiegħu ma kenux ħallewh jitlaq.**

Arturo Mari stqarr li issa tassew kien wasal iż-żmien li jagħmel il-wisa' għal ħaddieħor. Wara li kien ħadem ma' sitt Papiet, kien jixraq li jkun hemm ħaddieħor li jingħata din l-opportunità, dan is-sodisfazzjon u din ix-xorti.

Iżda minkejja li rriżenja, Arturo li ma tantx kien bniedem li jħobb jitkellem fil-pubbliku, xorta waħda baqa' jingħata x-xogħol, jekk mhux aktar, għax għadu jiġi msejjaħ bejn konferenza jew oħra u anki għal xi ċerimonja.

Imwieled f'Borgo, distrett ta' Ruma mad-dawra tal-Vatikan, Mari kien midħla ħafna tal-post. Kien għad kellu biss 16-il sena meta beda jieħu r-ritratti tal-Vatikan u kien eżatt fil-ħdax ta' filgħodu tad-9 ta' Marzu 1956 meta ġie msejjaħ biex jibda jagħti dan is-servizz, minn fejn, minn dak in-nhar ma telqu qatt.

Jgħid li ħadd qatt ma qallu biex iwarrab il-camera u ma jiħux ritratti. Dejjem għamel ix-xogħol tiegħu b'dedikazzjoni u b'inizjattiva bħal meta ġibed ritratt lill-Papa Ġwanni Pawlu II waqt ħin it-talb fil-kappella privata tiegħu. Kien ġibidlu r-ritratt u warrab għax ma riedx ifixkel lill-Papa li semgħu mitluf jitkellem mal-Mulej. Ħass li hemm ma kienx postu.

## TAĦT SITT PAPIET

L-ewwel Papa li sab ruħu taħt il-lenti ta' Arturo Mari kien Piju XII, il-Papa msejjaħ tas-Sede Gestatoria minħabba t-tron li fuqu kien jintrefa' u jinġarr. Il-Papa kien jispira liż-żagħżugħ Antonio bil-mossi u l-ġesti solenni tiegħu u Mari kien jirnexxilu jaqbdu bl-aħjar espressjoni u fil-mument perfett.

Warajh ġie Ġwanni XXIII li skond Arturo Mari ġie fi żmien meta l-Knisja bdiet tiftaħ il-bibien tagħha u kien hu li niżel qalb in-nies.

It-tielet Papa li taħtu serva Arturo Mari kien Pawlu VI, bniedem mistħi u riżervat u l-ewwel wieħed li ħareġ barra minn Ruma.

Papa ieħor li Mari ħadem miegħu bħala fotografu kien Ġwanni Pawlu I li dam biss 33 jum. Jgħid li darba ħadlu ritratt waqt passiġġata fil-ġonna tal-Vatikan f'passaġġ imdellel bis-siġar taċ-ċipress. Il-Papa kien miexi 'l quddiem, imma ħafna drabi kien jitfa ħarstu lura fit-tul. Din l-imġiba tal-Papa kienet tagħtih x'jifhem lil Mari li kien bniedem profetiku.

Mal-ħatra ta' Ġwanni Pawlu II, ix-xogħol ta' Arturo Mari, bla dubju żdied ħafna. Kien jaf li għandu jibda fis-6:15 ta' filgħodu,



imma jekk jispiċċax fit-8 jew fl-10 ta' filgħaxija ma kienx jaf.

Arturo Mari jiddesprivi lill-Papa Benedittu XVI bħala intelliġenti u twajjeb; u li jaf imexxi b'ġentilezza f'mumenti delikati – b'riferenza għall-perijodu wara l-mewt tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

## IL-PONTIFIKAT TA' ĠWANNI PAWLU II

Il-Pontifikat ta' aktar minn 26 sena ta' dan il-Papa Pollakk, ħallew fih ħafna tifkiriet sbieħ, l-aktar l-ispiritwalità kbira li kellu u kemm kien iħobb jitlob. Kien dħuli man-nies u jiftakar bi ħlewwa kbira l-laqgħa tal-Papa ma' Madre Tereża. Kienet ta' statura żgħira,



imma ta' saħħa. Jgħid li meta ltaqgħet mal-Papa u bdiet tkellmu, stħajjilha xkubetta ttaqtaq **"Ta-ta-ta"**. Kienet tgħid kull ma kien jiġiha f'ilsienha. Il-Papa li kien jiggosta l-ansjetà tagħha, kien jiġbidha lejh, jgħannaqha, iżiegħel biha fuq rasha biex jipprova jikkalmaha. Ġieli qalilha ***"calma, calma"*** **"bil-mod, bil-mod"**.

Arturo Mari jiftakar b'għożża l-aħħar snin tal-marda li ħakmet lill-Papa. Meta kien ikun ħdejh kien jinduna bis-sofferenzi tiegħu, iżda l-Papa qatt ma staħa juri li kien qed ibati. Anzi ried juri lill-bniedem xi tfisser tkun marid. B'mod partikulari, jiftakar ukoll b'ċertu dieqa l-aħħar 6 siegħat ta' qabel il-mewt tal-Papa. Jgħid li mar għalih l-Isqof Dziwisz u qallu biex imur malajr miegħu fl-appartament tal-Papa. Jirrakkonta kif telaq mill-ewwel, daħlu u telgħu flimkien bil-lift fi skiet perfett, ġibdu lejn ix-xellug u mbagħad lejn il-lemin u mxew fil-kuritur fejn fit-tarf kien hemm il-kamra tal-Papa bih mimdud fuq is-sodda. Jistqarr li dak in-nhar ħa xokk kbir u ma riedx jidħol ġewwa. Iżda s-Segretarju qallu li kien il-Papa stess li kien staqsa biex jarah.

L-Isqof Stanislaw Dziwisz daħal fil-kamra jżomm idejn Arturo Mari. Resaq ħdejn il-Papa kważi agunija u qallu: ***"Santo Padre, Arturo è qui"***. Jiġifieri: **"Santità, Arturo qiegħed hawn."** Il-Papa refa' għajnejh lejn il-fotografu li kien ilu miegħu għal aktar minn 26 sena ħares lejh b'espressjoni li Arturo qatt ma kien ra bħalha, u b'id imriegħda ħadlu idu f'idu. Arturo niżel għarkubbtejh ħdejn is-sodda tal-Papa moribond mingħajr ma telaħ jgħid kelma. Il-Papa bierku u qallu **"Grazzi"**.

Arturo Mari, fotografu tul 6 Pontifikati b'karriera ta' 51 sena, jistqarr li din kienet l-aqwa esperjenza ta' ħajtu. Dan il-Papa kien l-uniku bniedem li qatt qallu **"grazzi"**... u fuq is-sodda tal-mewt. Imbagħad, il-Papa dar daqsxejn kif seta', bħallikieku kien qed jistenna li jiltaqa' ma' xi ħadd ieħor, imma din id-darba ma' xi ħadd ferm aqwa! Żgur li kien jaf u kien qed iħoss li wasal it-tmiem tiegħu u li kien se jiltaqa' mal-Ħallieq tas-sema u l-art.

## JINGĦATAW DOTTORAT

Xahrejn wara dak li ġie rappurtat fl-Osservatore Romano dwar



Arturo Mari, jiġifieri fil-15 ta' Novembru 2007, l-ex Segretarju tal-Papa Ġwanni Pawlu II, l-Isqof Stanislaw Dziwisz, maħtur Kardinal mill-Papa Benedittu XVI, ġie mogħti Dottorat Onorarju mill-Università Abat Oliba CEU ta' Barċellona fi Spanja. L-istess Dottorat Onorarju ġie mogħti wkoll lil George Weigel awtur tal-ktieb "Witness to Hope" – biografija tal-Papa Pollakk. Fil-konferenza stampa qabel iċ-ċerimonja ta' l-għoti ta' l-unur, il-Kardinal Dziwisz qal li jħossha grazzja kbira li ħadem daqshekk viċin tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Huwa għex ta' qaddis ħajtu kollha. Bħala żagħżugħ, Karol Wojtyla kien jitlob mixħut minn tulu fl-art, b'dirgħajh mifruxin f'forma ta' salib. Il-Papa kien iqis l-attentat fuq ħajtu, bħala grazzja. Il-Karinal jiftakar fil-kritika li kienet issir lill-Papa minħabba d-diskorsi tiegħu fuq it-tagħlim soċjali, imma, li minkejja kollox, kien baqa' sod fil-fehma tiegħu u indipendenti minn kull xejra politika.

George Weigel, f'kelmtejn qosra ta' l-okka\joni qal, li huwa dejjem ammira l-ħidma li wettaq il-Kardinal Dziwisz bħala Segretarju tal-Papa. Afferma l-ħajja spiritwali kbira li kien jgħix u li kien **"jagħmel kemm jista' biex ma jagħlaqx il-bibien, imma li jiftagħhom"**.

Dan kollu jkompli jikkonferma kemm kienet f'waqtha l-għajta tan-nies miġbura fi Pjazza San Pietru, dak in-nhar tal-funeral tal-Papa Ġwanni Pawlu II, meta nfexxet tgħajjat: ***"Santo subito"***. •

# IL-FUNERAL
## FERĦ JEW NIKET?

**Il-funeral ifakkarna fil-biki, dwejjaq... l-iswed u l-oqbra: u dan kważi kullimkien. Mhux hekk fil-Kenja. Hi ġrajja oħra fil-ħajja tal-bniedem li tgħaqqad il-ġirien u l-qraba biex igħinu 'l xulxin!**



Hekk kif toħroġ l-aħbar tal-mewt ta' xi ħadd, bosta drabi b'għajta ta' biki mid-dar tal-mejjet, il-ġirien kollha jieqfu mix-xogħol (ġeneralment) tar-raba, imorru jaraw x'ġara u x'jistgħu jagħmlu. Sensiela ta' ħidmiet titfassal li flimkien joħolqu iktar festa milli traġedja. Il-funeral hu waqt ta' għaqda, karità... u ta' fidi qawwija.

Diversi gruppi jieħdu xogħol differenti. In-nisa jieħdu t-tfal iż-żgħar għandhom biex ma jbatux, issa li ommhom jew mietet jew tilfet lil żewġha. Iġibu wkoll xi rigali ta' ikel kemm għall-qraba tal-mejjet kif ukoll għal xi qraba li jistgħu jiġu mill-bogħod. Terġa' dak il-lejl ħadd ma jorqod: iqattgħuh jitolbu, jkantaw u jitħadtu dwar il-mejjet.

Xi ħadd imur iġib il-permess tad-difna; oħrajn imorru għand il-kappillan biex jiftehmu dwar id-dfin; grupp jaqbad l-għodda u jmur iħaffer fl-għalqa tal-mejjet qabar ta' sitt piedi b'sitt piedi b'xi tliet piedi wisgħa; xi wħud oħra jmorrru jixtru jew jittalbu xi twavel, anki jekk qodma, u jaħsbu għal tebut.

In-nisa' jisselfu min xi ħadd mejda tajba għall-quddiesa, u l-katekista jħejji għall-quddiesa ħdejn l-għarix tal-mejjet: abbatini, kant, qari, offerti ... Kulħadd jgħarraf lill-ġirien hekk illi f'qasir żmien kulħadd ikun jaf u beda sejjer jara l-mejjet. Jinstabu r-reffiegħa u xi ftit pall, għall-irdim tat-tebut.

Hekk kif jasal il-patri bl-oġġetti meħtieġa għall-quddiesa, li jiġi mgħobbi bin-nies li jwaqqfuh fit-triq, jidħol ifarraġ lill-qraba u lin-nies l-oħra, jagħti daqqa t'għajn u jberek il-mejjet, u jpoġġi fuq siġġu jew bankett taħt xi siġra għal min ikollu bżonn iqerr.

Il-quddiesa ssir bħas-soltu bil-kant ta' dawk kollha preżenti, bl-offerti u l-priedka, u jkun hemm it-tqarbin ukoll. Dejjem tieħu siegħa. Min ikun bil-qiegħda fuq siġġu, min fuq banketta, kaxxa, ġebla jew fl-art. Għall-quddiesa dejjem isibu post taħt xi siġra dellija.

Wara l-barka ta' l-aħħar, il-kor jaqbad ikanta u jiftaħ it-triq għall-proċessjoni fl-istess għalqa għall-qabar, li ġieli jkun xi ħamsin metru 'l bogħod u wieħed irid jgħaddi qalb ħaxix u għollieq. Innu jaqbad ma' ta' qablu: kollha mimlija b'leħen wieħed ta' dawk kollha li ġew għall-funeral, b'ferħ, fidi u kuraġġ. Fosthom iħobbu jkantaw: }ija, nergghu niltaqghu. Ma jonqosx xi Innu Illl-Madonna u xi ieħor dwar {esù li qajjem il-mejtin u miet għalina.

Hekk kif kulħadd jasal u jdawwar il-ħofra tal-qabar, jidħol it-tebut u l-patri u l-abbatini miegħu. Jibda t-talb ritwali, isir it-tberik tal-qabar, ikompli l-kant min-nies kollha, sakemm jingħata s-sinjal biex kulħadd jiskot.







Dak li jkun qiegħed imexxi ċ-ċerimonja jersaq bejn it-tebut u l-qabar u jistieden lil xi ħadd imħejji biex jaqra l-ħajja tal-mejjet, fejn jissemma dak kollu li għamel, ġieli mqar xi żbalji li kien talab skuża tagħhom. Tingħad xi frażi jew parir li l-mejjet kien iħobb isemmi ... u jibdew id-diskorsi mill-qraba l-aktar viċini tiegħu. Kollha hemm ikunu. Hu diżunur li ma tmurx għall-funeral tal-ġar. X'għamillek f'ħajtu? Mela ma taħfirx? U jekk ma jidħolx il-ġenna minħabba fik... u jidherlek?

Hu ħin tad-deheb għall-qraba biex wieħed juri li hu werriet tiegħu. Jekk wieħed jgħarrafhom li ma jistax jiġi, allura xi ħadd ieħor jitkellem f'ismu, daqslikieku hu l-ieħor li qed jitkellem. Xi ġar jew ħabib jitkellem dwaru wkoll.

Imbagħad jasal waqt l-aktar solenni: wieħed jistaqsi lill-miġemgħa: hawn xi ħadd li kellu jieħu mingħand il-mejjet? Hawn xi ħadd li kellu jagħti lill-mejjet? Dan hu ġurament quddiem il-katavru tal-mejjet, li jibżgħu ferm minnu. Min ma jitkellimx dak il-ħin, ma jista' jitlob xejn wara. Jekk jigdeb, jista' jiġbed xi saħta fuqu...! (drawwiet qodma ta' qabel ma saru nsara!).

Waqt li jerġa' jaqbad il-kant ferrieħi, id-deffiena jniżżlu t-tebut fil-ħofra fuq żewġ ħbula, u jpoġġuh fil-qiegħ; u dlonk kull min ikun hemm, il-patri, l-qraba l-aktar ta' ġewwa..., kulħadd jersaq jitfa' ponn ħamrija fuq it-tebut. Din hi prova li marru difnuh! Fis kull min jaqbad pala, mgħażqa jew biċċa għodda oħra, jibda jordom it-tebut bil-ħamrija. Kif jaslu biex iwittu l-parti ta' fuqnett, fuqha jwaħħlu s-salib tal-injam li jkun inqala' mill-għatu tat-tebut. Xi nisa, l-għassiesa tal-ħajja, iġibu xi fjuri jew pjanti li jħawluhom fuq il-qabar; oħrajn iġibu ż-żrar li jdawruh max-xifer tal-qabar, biex jiftakru fejn jinsab il-qabar.

Kulħadd joħroġ kuntent: difnu l-mejjet, xettlu ħajja oħra, poġġew is-salib b'xiehda li hu nisrani, u dan kollha flimkien.

Waqt li bosta jinġabru f'darhom, grupp żgħir ta' qraba u ġirien, għal tlett ijiem, jibqgħu għand il-mejjet biex ifarrġu l-ħajjin. Għall-ikel jaħsbu huma stess. Imbagħad jagħmlu offerta ta' flus lill-mara jew raġel li baqa' ħaj u jmorru fdarhom.

Dan hu faqar jew rikkezza? Min hu nisrani l-iktar huma jew aħna? •



# L-AĦBAR

**Id-dinja ta' madwarna hija aktarx post ta' deżolazzjoni. Il-ħajja ta' tabib ġo belt hija ukoll mimlija tensjoni u t-tabib iħabbat wiċċu ma' diversi tipi ta' klijenti. Il-ħajja fl-ibliet hija ħajja diffiċli u l-istatistika turi li r-rata ta' suwiċidji hija iktar għolja minn f'postijiet oħra. Il-problemi soċjali u familjari huma wkoll iktar kkomplikati. Anki ċertu mard huwa iktar komuni u t-tabib irid iżomm għajnejh il-ħin kollu miftuħa għal ċertu tip ta' mard minħabba t-taħlit tan-nies li wieħed isib fl-ibliet.**

Jum wieħed wara nofsinhar fix-xahar ta' Lulju, meta x-xogħol kien pjuttost ħafif, it-tabib kien qed jaħsibha jekk jagħlaqx il-klinika u jmur iqatta' ġurnata ħdejn il-baħar mal-familja. Hekk kif kien se jagħlaq jara koppja żagħżugħa riesqa lejn l-uffiċċju tiegħu. Meta t-tabib stediħom biex ipoġġu, ra quddiemu ġmiel ta' tfajla b'għajnejha ħodor u xagħarha nnokklat kulur il-qamħ. Il-ħabib tagħha kien żagħżugħ twil u irqiq li d-dehra tiegħu kienet ta' wieħed ta' nazzjonalità Sud Amerikana. Huwa ma kellux xogħol tal-fiss iżda kien kapaċi jagħmel diversi xogħlijiet fil-qasam tat-turiżmu u d-divertiment. Kien iltaqa' ma' din t-tfajla lejla waħda meta kien xogħol f'wieħed mit-teatri tal-belt fejn kienu jsiru rock operas u shows oħra moderni. Huwa nġibed wara din t-tfajla hekk kif lemaħha u mill-ewwel avviċinaha biex tmur tieħu drink miegħu.

It-tabib ra fil-koppja futur sabiħ u mill-ħarsa u l-imġiba tagħhom kienu jidhru ferħanin u kuntenti b'xulxin. Huwa staqsiħom diversi mistoqsijiet u wara li eżamina lit-tfajla weħidha ra li ma kienx hemm problemi. Huwa ħadilha ftit demm mill-vina u qalilha li kien se jagħmel xi testijiet ta' rutina u wara tlett ijiem ikollu r-riżultati kollha. Meta wasal għal ġuvni sab xi problemi. Fil-fatt il-vista li kienu għamlu ma kinitx bħala test mediku ta' qabel iż-żwieġ, imma wara insistenza tat-tfajla biex l-għarus tagħha jagħmel vista wara li kien ilu xi ġimgħat iħossu ma jiflaħx. Hija spejgat lit-tabib kif l-għarus tagħha dan l-aħħar kien ikollu xi ftit tad-deni speċjalment filgħaxijiet jew bil-lejl. Mhux l-ewwel darba li sabitu mxarrab għasra bil-għaraq

tant li kellu jbiddel il-ħwejjeġ ta' taħt. It-tabib talab lit-tfajla biex tħallih waħdu ma' l-għarus tagħha biex ikun jista' jeżaminah waħdu.

Meta kienu weħidhom it-tabib reġa' għamel xi mistoqsijiet diretti lill-ġuvni dwar il-ħajja privata tiegħu qabel ma ltaqa' mat-tfajla tiegħu. Staqsieh ukoll kemm kien ilu magħha u jekk kienx ikollhom x'jaqsmu sesswalment ma' xulxin. Huwa kkonferma dak li kien qed jaħseb u wara li għamillu eżami fiżiku komplet reġa' kkonferma l-biża' tiegħu. It-tabib sab xi glandoli mferrxin ma' l-għonq, taħt abtu u fl-irqiq ta' bejn iż-żaqq u l-koxxa. Huwa ħa xi demm mill-vina u qallu li fil-każ tiegħu r-riżultat kien se jdum ftit aktar.

Meta ra hekk il-ġuvni beda jitħasseb xi ftit u staqsa lit-tabib x'kien qed jaħseb li għandu. It-tabib spjegalu li għalkemm kien jaf f'moħħu x'seta' kellu, huwa ma xtaqx li jgħidlu għalissa għax qallu li hemm diversi mard li jagħtu l-istess sintomi u għalhekk qabel ikollu r-riżultati tat-testijiet kollha tad-demm aħjar ma joqgħodx jinkwetah b'ħafna affarijiet. It-tabib kien se jitlob lit-tfajla biex jerġa' jeħdilha ftit demm, imma biex ma' jikkumplikax l-affarijiet iddeċieda biex għalissa dak kien kollox. Huwa kiteb riċetta ta' vitamini liż-żagħżugħ u talbu n-numru ċellulari biex malli jkollu r-riżultati jċempillu.

Huma rringrazzjaw lit-tabib u ħarġu f'idejn xulxin bħalma daħlu. It-tabib mill-ewwel ċempel il-laboratorju u għamel insistenza biex t-testijiet jinħadmu urġenti dak in-nhar stess avolja kien is-Sibt. F'dak il-weekend għalkemm irnexxielu jmur mal-familja hdejn il-baħar ma tantx kellu moħħu kwiet u l-ħin kollu kien ihewden fuq dik il-koppja.

It-tfajla ma kienetx għadha ntebħet li kien hemm xi ħaġa serja, imma l-ġuvni, min-naħa l-oħra, induna li t-tabib kien qed jissuspetta xi marda serja. Wara l-vista għand it-tabib il-koppja waqfu f'ħanut biex jitrejqu u fl-aħħar it-tfajla kisret s-skiet li waqa' fuqhom. *"Imma t-tabib x'qallek sewwa?"* staqsietu.

Huwa spegalha li ma kien hemm xejn ħażin u sempliċiment it-tabib kellu bżonn jagħmillu xi testijiet speċjali. Huwa qalilha li t-tabib jaħseb li kellu għejjaċminħabba x-xogħol u kien tah xi vitamini. Huwa wiegħdha li hekk kif ix-xogħol ibatti ftit jeħodha vaganza x'imkien għall-kwiet qabel ma jibdew jippreparaw għat-tieġ. Dik il-lejla ftit kellu moħħ il-karezzi tagħha u wara li ġab skuża pprova jorqod.

Għall-aħħar tal-ġimgħa ta' wara, it-tabib irċieva telefonata mil-laboratorju. Ikkonfermawlu r-riżultat u qalulu li t-test kien pożittiv mija fil-mija għall-virus tal-HIV. Hawn it-tabib ħass responsabbiltà kbira u beda jara kif kien se jwassal l-aħbar lil dak iż-żagħżugħ. Fl-istess ħin ried jagħmel it-test lit-tfajla wkoll biex jara jekk hi wkoll kinitx infettata. Iżda huwa għalissa ddeċieda li ma jsejħilhomx flimkien. Għalhekk ċempel lill-ġuvni u talbu biex imur ikellmu dak in-nhar stess fl-uffiċċju waħdu.

Meta kienu flimkien, it-tabib mingħajr tlaqliq qallu li kien pożittiv għal virus ta' l-AIDS u peress li ġa kellu xi sintomi, il-marda kienet ġa ħarġet barra. Iż-żagħżugħ, għalkemm ma tantx inħasad bl-aħbar għax donnu kien qed jistenna xi ħaġa, kien għadu ma rrealizzax li s-sitwazzjoni tiegħu kienet iktar gravi milli ħaseb. Issa bħal donnu ġie f'sensih u mill-ewwel staqsa lit-tabib x'possibbiltajiet hemm li t-tfajla tiegħu wkoll kienet infettata. It-tabib qallu li ma seta' jeskludi xejn qabel jagħmel it-test tad-demm lit-tfajla wkoll. Wara l-ġuvni reġa' staqsa jekk hemmx xi forma ta' kura għalih u possibbilment għat-tfajla biex ma timradx hi wkoll. It-tabib ipprova jagħmillu l-kuraġġ kemm jista' u talbu biex lit-tfalja ma jgħidilha xejn għalissa, imma sempliċiment iġibha l-klinika biex jeħdilha ftit demm ieħor.

It-tabib kien qed jieħu l-kolazzjon waqt li martu kienet qiegħda taqra l-aħbar prinċipali li kien hemm fil-ġurnali. Huwa kien għadu ma rax ġurnali dak in-nhar peress li kellu vista urġenti ftit kmieni. Dak in-nhar kien irċieva r-riżultat tad-demm tat-tfajla u dak li ħaseb ġie kkonfermat. Issa kellu responsabbiltà doppja kif se jtarraf dik l-aħbar kiefra lill-koppja. Meta resaq lejn martu ra r-ritratt ta' karozza qed titTella' mix-xmara ħdejn il-pont permezz ta' krejn kbir. Fil-gazzetta kien hemm titlu kbir bl-iswed: **Mgħarrqa fil-karozza fix-xmara**. Fir-rapport kien hemm l-istorja ta' żewġ żgħażagħ li wara li waqgħu bil-karozza fix-xmara għerqu fgati fil-karozza tagħhom. Il-pulizija taħseb li dawn iż-żgħażagħ wara li għamlu lejl jixorbu f'night club għal xi raġuni jew oħra sabu ruħhom f'xi diffikultà u l-karozza ħabtet mal-ġenb tal-pont u baqgħet nieżla għal isfel.

It-tabib ma tantx ried wisq biex jintebaħ li dik il-koppja ma kinux għajr il-klijenti tiegħu. Dak il-ħin baqa' sieket iżda meta martu staqsietu jekk kinux klijenti tiegħu hu qalilha li jista' jkun, imma ma qalilha xejn aktar. Martu qaltlu li kien iktar qed jiddispjaċiha għalihom għax ftit tax-xhur oħra kienu se jiżżewwġu. It-tabib baqa' sieket u lanqas seta' jitkellem minħabba s-sigriet professjonali. Fl-istess ħin huwa staqsa lilu nnifsu jekk dak li ġara kienx inċident traġiku jew is-soluzzjoni aħħarija ppjanata mill-ġuvni għal dak li kien sar jaf. •

# IL-KAPUĊĊINI F'MALTA (Kronaka Ta' Patri Pelagju)



*Pittura fuq it-tila meqjusa li saret fl-1753 minn Francesco Zahra tirrappreżenta l-Ordinazzjoni Presbiterali ta' San Filep t'Agira, tinsab fil-knisja parrokkjali, Ħaż-Żebbuġ, Malta. Fl-istess pittura (lemin) jidher l-awtur tal-Kronaka, Patri Pelagio minn Ħaż-Żebbuġ.*

Fost il-manuskritti li hemm merfugħa fl-Arkivju Provinċjali ta' l-Aħwa Franġiskani Kapuċċini, il-Furjana, insibu "Cronica delli RR. PP. Minori Cappuccini di Malta" (sic) li ġiet miktuba fl-1764 mill-Kapuċċin Patri Pelagju minn Ħaż-Żebbuġ.

F'din il-kronaka li tibda bi żmien l-Assedju l-Kbir, meta ġie Malta l-ewwel Kapuċċin Patri Roberto d'Eboli u li tibqa sejra sa l-1743, Patri Pelagju jagħtina tagħrif mhux biss dwar il-Kapuċċini Maltin u l-ħidma tagħhom, iżda xi kultant idaħħal ukoll tagħrif dwar avvenimenti oħra fl-istorja ta' pajjiżna bħal per eżempju meta saru xi ċensimenti ta' pajjiżna.

F'din is-serje t'artikli se nagħtu tagħrif dwar il-Patrijiet Kapuċċini u l-ħidma tagħhom mit-twaqqif tal-kunvent tal-Furjana (1589) sa l-1743. Dan it-tagħrif huwa kollu miġbur mill-istess kronaka.

Patri Pelagju, fis-seklu Bartolomeo Mifsud, twieled f'Ħaż-Żebbug, fl-10 ta' Frar 1708. Wara li spiċċa l-istudji tiegħu f'Malta, kompla l-istudji tiegħu f'Ruma, fejn ħa l-lawrija ta' tabib. Ġie ordnat saċerdot u maħtur Protonotarju Appostoliku.

Fit-30 ta' Diċembru 1742 ingħaqad ma' l-Ordni ta' l-Aħwa Franġiskani Kapuċċini u ħa l-isem ta' Patri Pelagju minn Ħaż-Żebbuġ. Ġie maħtur Lettur u kien predikatur kemm bit-Taljan u bil-Malti. Patri Pelagju kien awtur ta' numru ta' manuskritti. Huwa miet fl-14 ta' Frar 1781 fil-kunvent tal-Kapuċċini tal-Furjana fl-età ta' 73 sena.

## IL-MIĠJA TA' L-EWWEL PATRIJIET KAPUĊĊINI F'MALTA U L-BINI TAL-KUNVENT TAL-FURJANA

L-Ordni Franġiskan Kapuċċin jaf il-bidu tiegħu fl-Italja fl-1528. Iżda għalkemm sa l-1589 ma kienx hawn l-ebda kunvent tal-Kapuċċini f'Malta, xorta waħda

"Kienet ix-xewqa tal-Gran Mastru Jean de la Cassiere (1572-1581) li jwaqqaf kunvent tal-Kapuċċini f'Malta. Dan il-ħsieb twettaq mis-suċċessur tiegħu Fr Ugo Verdala (1582-1595) li fl-1587 ngħata l-ġieħ ta' Kardinal mill-Papa Sistu V."



Dehra tal-kunvent tal-Kapuċċini, il-Furjana, kif kien qabel ma ġġarraf bil-gwerra.

numru ta' żgħażagħ Maltin, issieħbu mal-Kapuċċini, qabel ma twaqqaf l-ewwel kunvent f'Malta. Fil-fatt l-istess Patri Pelagju fil-Kronaka tiegħu jgħidilna li fl-1589, fl-Italja kien hemm 18 il-Kapuċċin Malti. Fost iż-żgħażagħ Maltin li ssieħbu mal-Kapuċċini qabel it-twaqqif tal-kunvent tal-Furjana nsibu lil Patri Salvatore Petit u lil Patri Rafel Camilleri minn Ħal Tartarni.

Patri Salvatore Petit li kien bniedem ta' għerf kbir,fl-1579 ġie mqabbad mill-Ġeneral ta' l-Ordni biex jgħallem l-istudenti fl-istudju ġenerali ta' l-Ordni li twaqqaf ġewwa Fermo, fl-Italja. Patri Petit miet 1581. Patri Rafel Camilleri li kien minn Ħal Tartarni kien ingħaqad mal-Kapuċċini fl-1574.

Kienet ix-xewqa tal-Gran Mastru Jean de la Cassiere (1572-1581) li jwaqqaf kunvent tal-Kapuċċini f'Malta, iżda dan ma seħħx minħabba xi problemi li kellu jħabbat wiċċu magħhom. Dan il-ħsieb twettaq mis-suċċessur tiegħu Fr Ugo Verdala (1582-1595) li fl-1587 ngħata l-ġieħ ta' Kardinal mill-Papa Sistu V.

Kien il-Gran Mastru Verdala li ħabrek għall-bini ta' kunvent tal-Kapuċċini. Din il-biċċa xogħol tħalliet f'idejn Patri Rafel Camilleri, li kien miġjub ħafna minn Verdala. Patri Rafel ġie Malta flimkien ma' l-ewwel Kapuċċini, u wara l-miġja tiegħu, fl-1589 il-Gran Mastru ta ordni biex jinbena l-kunvent barra l-belt Valletta f'distanza ta' "400 canne" minn Putirjal.

Il-Kunvent tlesta u ħdejh inbniet ukoll knisja li ġiet iddedikata lis-Salib Mqaddes. Din il-knisja kella biss altar maġġur u żewġ altari fuq ix-xellug. Tmiss mal-knisja kien hemm kappella ddedikata lil Sant'Anna.

Minnbarra l-bini tal-kunvent, Verdala ħaseb ukoll għall-manutenzjoni tal-kunvent li fih kien hemm komunità ta' 18-il Patri. Fuq ordni ta' Verdala kuljum kienet tingħata għajnuna lill-Patrijiet mill-Palazz, u f'każ ta' mard il-komunità kien jingħatalha ikel u affarijiet oħra meħtieġa lill-morda mis-Sagra Infermerija ta' l-Ordni. •

# MEMORIALE PROPOSITI (1221)

## Dokument fondamentali tal-proposta tal-ħajja



***Fl-1221 San Franġisk ta lill-penitenti forma ġdida ta' ħajja, li titqjies bħal d-dokument tat-twaqqif tat-III Ordni Franġiskan. Dan id-dokument jissejjaħ Memoriale Propositi u ġie miktub mill-Kardinal Ugolino li kien Protettur ta' l-Ordni Franġiskan. L-isem Memoriale Propositi nistgħu nittraduċuh 'tifkira tal-proposta ta' ħajja.' Il-ħsieb fundamentali tad-dokument hu l-idea ta' fraternità li hi l-karatteristika l-aktar importanti tal-ħajja tal-penitenti Franġiskani.***



Dan id-dokument, li fih 8 kapitli, jitkellem dwar kif kienu jgħixu dawn l-ewwel penitenti Franġiskani:

1. L-ilbies tal-penitenza u ċ-ċaħda minn spettakli.
2. Il-ħarsien ta' l-astinenza u t-talb waqt l-ikel.
3. Is-sawm fi żminijiet penitenzjali (minn San Martin sal-Milied u mill-karnival sa l-Għid).
4. It-talb ta' l-Uffiċċju Divin jew ta' l-Uffiċċju tal-'Missierna'.
5. Is-sagrament tal-maħfra u l-Ewkaristija fil-Milied, l-Għid u l-Pentekoste.



6. Laqgħa tal-fraternità u quddiesa darba fix-xahar, u għajnuna lill-membri foqra.
7. Żjarat lill-aħwa morda, obbligu li l-Aħwa jieħdu sehem fil-funerali ta' l-Aħwa mejtin u suffraġji għalihom; obbligu li jagħmlu testment qabel il-Professjoni; dmirijiet tal-ministru tal-fraternità; dħul u vestizzjoni tan-novizzi; ħlas tad-djun u rikonċiljazzjoni mal-ġirien qabel id-dħul fl-Ordni; nisa miżżewġin jidħlu fl-Ordni bil-permess ta' żwieġhom.
8. Viżitatur biex jikkoreġi u jiddispensa lill-Aħwa. Elezzjonijiet ta' l-uffiċjali fil-fraternità.

L-attività ta' dawn il-fraternitajiet kienet ta' opri ta' ħniena u karità mal-foqra, morda, lebbrużi u pellegrini, anki permezz ta' sptarijiet imwaqqfin apposta. Kienu jgawdu rispett għax ma kinux iġorru armi u lanqas jieħdu ġurament. Id-dmir li jgħixu fil-paċi ma' kulħadd kien xhieda ta' l-impenn evanġeliku tagħhom.

Fost l-ewwel membri fit-III Ordni Franġiskan insibu slaten li saru qaddisin: Santa Eliżabetta ta' l-Ungerija (1207-1231), Santa Eliżabetta tal-Portugal (1271-1336), San Ferdinandu ta' Castiglia (+ 1252), San Ludoviku IX ta' Franza (1215-1270). •

# IT-TAW

## ARMA U FIRMA TA' SAN FRANĠISK T'ASSISI (I)



**Tumas minn Celano, fil-biografija li kiteb fuq il-ħajja ta' San Franġisk, jgħid hekk: "Kien familjari mas-sinjal TAW u kien jgħożżu fuq is-sinjali l-oħrajn, għax bih biss kien jiffirma l-ittri tiegħu, u kien ipinġih f'kull kunvent li kien iżur u fuq il-ħitan ta' kull ċella fejn kien joqgħod.**

X'inhu t-TAW u għaliex kien daqshekk importanti għal San Franġisk?

### IT-TAW FIL-BIBBJA

L-Ittra TAW insibuha fl-alfabet taż-żewġ lingwi tal-Bibbja, l-Ebrajk u l-Grieg. Fil-Grieg din żammet l-istess forma li għandha llum τ meta tkun ittra żgħira u T meta tkun kapitali, iżda fl-Ebrajk, it-Tau kienet l-aħħar ittra ta' l-alfabet, u waqt li fl-antik kienet eżatt bħall-ittra Griega, matul iż-żmien inbidlet u saret ת.

### IL-KOTBA TA' ĠOB U EŻEKJEL

L-aktar siltiet ċari fit-Testment il-Antik fejn jissemma t-Taw insibuhom fil-kotba ta' Ġob u Eżekjel. Fit-tmiem tad-diskors twil tiegħu, Ġob jgħid hekk: **Hawn hi l-firma tiegħi! Ħa jweġibni Xaddaj!** (Ġb 31,35). It-traduzzjoni eżatta tgħid: Hawn hi t-TAW tiegħi. Jiġifieri **"Għidt dak kollu li kelli ngħid"**.

F'waħda mill-viżjonijiet tiegħu, il-Profeta Eżekjel jara 'l Alla jsejjaħ raġel liebes l-għażel li kellu l-istrumenti biex jikteb fuq ġenbu u jgħidlu: Għaddi minn nofs il-belt, minn nofs Ġerusalemm, u agħmel il-marka TAW fuq ġbin dawk li ssibhom jitniehdu u jitbikkew minħabba l-qżiżijiet kollha li jsiru fiha (Eż 9:3-4). Meta wara tinqered il-belt, isalvaw biss dak li kellhom it-TAW fuq moħħhom. Fil-kultura Ebrajka ta' l-antik, barra li kienet tintuża bħala firma, it-TAW kienet ukoll tintuża biex jiġu identifikati bhejjem, skjavi u propjetà oraħħra. F'dan il-kas, in-nies immarkati bit-TAW kienu tal-Mulej, ikkonsagrati lilu, u għalhekk ma setgħux jiġu mittiefsa. Hija profezija ċara tas-salvazzjoni li tiġi mis-salib ta' Kristu.

### IL-KONĊILJU LATERAN IV (1215)

Kienet omelija fuq din is-silta ta' Eżekjel li ispirat lil San Franġisk biex juża dan is-sinjal bħala l-firma tiegħu u l-Arma ta' l-Ordni. Fil-11 ta' Novembru 1215, wieħed mill-aktar Papiet importanti tal-medjuevu, Innoċenz III, fetaħ il-Konċilju Lateran IV. Xtaq ħafna jagħti bidu għal riforma wisq meħtieġa fil-Knisja. Għal dan il-Konċilju, li kien l-akbar li kien qatt sar sa dak iż-żmien fl-istorja tal-Knisja u wieħed mill-aktar importanti, huwa stieden mhux biss l-isqfijiet tal-Knisja, iżda s-superjuri, mexxejja u fundaturi ta' l-Ordnijiet antiki u reċenti biex jiedu sehem fih. San Franġisk, li sitt snin qabel kien irċieva l-approvazzjoni ta' l-Ordni tiegħu, kien mistieden ukoll. Fit-tieni parti ta' l-omelija tiegħu, il-Papa ħa s-silta ta' Eżekjel 9, u heġġeġ lil dawk preżenti bl-istess kliem tal-Profeta: Għaddu minn nofs Ġerusalemm, u agħmlu l-marka tat-TAW fuq ġbin dawk li ssibhom jitniehdu biex huma wkoll ikunu kavallieri tat-TAW u tas-Salib.

X'kienet ir-reazzjoni ta' San Franġisk? Ħa l-messaġġ qisu kien indirizzat għalih personalment. Minn dakinhar 'il quddiem ried jagħmel is-sinjal tat-TAW fuqu nnifsu u fuq ħutu kollha ta' l-Ordni; it-TAW sar is-simbolu tal-Missjoni penitenzjali ta' l-Ordni Franġiskan u ta' l-ispiritwalità kollha tiegħu, li wara l-1215 saret dejjem iżjed waħda tas-salib u s-salvazzjoni. • *(Ikompli...)*





# Żewġ Kurrenti ta' Sataniżmu (II)

**Is-Sataniżmu nistgħu naqsmuh f'żewġ kurrenti. Hemm kurrent li nistgħu insejħulu 'Personalista' u li jista' jissejjaħ ukoll 'Okkultista'. U hemm kurrent ieħor li jissejjaħ 'Impersonali' jew 'Atejista' jew 'Razzjonalista'.**

Dawk li jagħmlu parti mis-sataniżmu Personalista jemmnu li Satana huwa esseri personali, jiġifieri li għalkemm m'għandux ġisem bħalna l-bnedmin, imma huwa persuna, xi ħadd li jixbaħ lill-bniedem. Dawk li jsegwu dan il-fil sataniku, isejħulu, jitolbuh, jadurawh u jonorawh daqslikieku kien alla; jikkonsagraw ruħhom lilu, jitolbuh is-setgħa u l-ħakma fuq l-oħrajn u jitolbuh li jaqta' kull xewqa tagħhom. Ix-xitan żgur li mhux se jwieġeb għal dawn ix-xewqat kollha, imma xi wħud minnhom jagħtihomlok biex b'hekk huma jibqgħu jipperseveraw f'dak li qed jagħmlu u allura jibqgħu dipendenti minnu bit-tama li jakkwistaw iżjed.

Iżda dawk li jagħmlu parti mis-sataniżmu Impersonali ma jemmnux fl-eżistenza ta' Satana bħala xi ħadd, bħala persuna, imma jemmnu li teżisti 'qawwa' jew 'enerġija', moħbija fihom stess jew fil-kosmo, li tista' tiġi żviluppata u mpoġġija għas-servizz tagħhom billi jgħixu ħajja perversa u jassoċjaw ruħhom f'riti infami. Ix-xitan, għalhekk, mhuwiex ħlief simbolu ta' din l-enerġija li tinsab fil-bniedem u li tiġi espressa permezz ta' riti brutali li huma taħlita ta' sess u profanazzjoni ta' dak kollu li hu sagru, ribeljoni kontra l-Evanġelju, il-Knisja u l-Liturġija. Biex jisvogaw din l-enerġija okkulta dawn jaslu wkoll għall-azzjonijiet sagrilegi kontra l-Ewkaristija. Dan isir għaliex huma jqisu li r-reliġjon hija l-ewwel għadu ta' din l-enerġija għax ma tħallihiex tiżvoga u toħroġ mill-bniedem.

Hawnhekk naraw in-natura perversa tas-sataniżmu li jaqleb il-valuri kompletament u jipproponi dak li huwa oġġettivament ħażin bħala tajjeb. Il-ħażen mhuwiex meqjus iżjed bħala ħażin imma hu meqjus bħala ħelsien, liberazzjoni. Huwa biss meta tagħmel dak li trid li tista' tasal għar-realizzazzjoni tiegħek innifsek. Hija l-eżaltazzjoni assoluta tiegħek innifsek, il-bniedem li jagħmel lilu nnifsu alla (ara Ġen 3:5). Fil-fatt dawn jaslu biex jagħmlu affermazzjonijiet bħal: 'ix-xitan huwa jien', 'alla huwa jien', 'kull bniedem huwa Satana għax alla (Satana) huwa aħna'. 'Aħna ma nemmnux f'Alla għax aħna alla, aħna ma nemmnux f'Satana għax aħna Satana'. Allura dak li wieħed jiddeċiedi li jrid jagħmel, għandu jagħmlu! Jekk trid tkun vjolenti, kun vjolenti! Jekk trid tweġġa' lil ħaddieħor biex timxi 'l quddiem int, għandek dritt li tagħmlu! Għax l-unika regola etika hija li inti tobdi l-istinti tiegħek. Fil-fatt iċ-ċavetta tas-sataniżmu modern hija: 'Agħmel dak li trid'.

Hawnhekk ninsabu quddiem realtà fejn mhux iżjed ir-raġuni taħkem fuq l-istinti, imma huma l-istinti li jiddominaw ir-raġuni. Huwa għalhekk li għas-satanisti s-seba' dnubiet kapitali huma bħal virtujiet. Huwa għalhekk li s-sataniżmu jwassal għall-omiċidji jew saħansitra għal suwiċidji ritwali.

(Ikompli...)

# It-Tarka u x-Xabla



## L-ISCREENING (1)

**L-iscreening hija dik l-attività li ssir mit-tabib jew mill-persuna stess, illi tfittex kundizzjoni jew marda li għadha ma tidhirx jew tinħass.**

Dan il-kunċett jiġi applikat mit-tabib f'żewġ sitwazzjonijiet prinċipali:

- l-ewwel meta persuna li tħossha f'saħħitha tmur għal check up.
- It-tieni jekk il-persuna ma tħosshiex tajba u tixtieq dijanjosi u kura.

Il-kunċett tal-iscreening, jidħol ħafna mat-titlu li jien kont għażilt għal din ir-rokna medika ta' kull xahar: It-Tarka (prevenzjoni) u x-Xabla (kura). Fil-bidunett li bdejt nikteb dawn l-artikli, tajt importanza illi fit-titlu, it-tarka tiġi qabel ix-xabla. Dan minħabba li huwa importanti ħafna illi tilqa' għall-mard, qabel ma l-istess mard jilħaq lill-persuna. F'ċertu mard jekk tagħrfu kmieni, jista' jsir intervent mediku sabiex dan ma jikkomplikax ruħu.

Ħafna drabi l-iscreening jinvolvi xi test li jsir fuq il-persuna. Dan jista' jkun test tad-demm, x-ray, test fuq xi prodott tal-ġisem bħall-pipi jew ippurgar, jew ukoll endoskopija (titwil bi strument ġewwa wieħed mill-pajpijiet tal-ġisem bħall-musrana). Jekk dawn it-testijiet jimmarkaw pożittiv (i.e. ħażin), imbagħad jeħtieġ attenzjoni jew testijiet oħra. Bħala eżempji nistgħu nieħdu screening tal-kanċer tas-sider (breast), dijabete, cholesterol, mard tal-qalb, u kanċer tal-musrana, fost oħrajn.

Huwa importanti ħafna illi wieħed jifhem illi l-iscreening jista' ma jagħtix riżultat preċiż. Xi drabi jimmarka illi jkun hemm problema fejn m'hemmx (*False positive*), u drabi oħra ma jurix problema fejn hemm (False negative). Dawn huma l-limitazzjonijiet ta' din l-attività u għalhekk kull test li jsir irid dejjem jiġi interpretat fid-dawl tas-sitwazzjoni klinika.



Minħabba dan iċ-ċertu nuqqas ta' preċiżjoni, issib kontroversji dwar l-użu u l-benefiċċju ta' l-iscreening. Kontroversja oħra hi illi biex tagħmel l-iscreening teħtieġ ħafna flus illi jistgħu jmorru għal kura ta' nies diġà morda. Xi kultant ukoll, l-istudji li jirrakkomandaw l-iscreening jiġu taħt il-lenti biex naraw jekk kienux studji validi jew le.

Ir-rakkomandazzjonijiet fuq meta tagħmel l-iscreening, jistgħu jinbidlu meta studji ġodda juru riżultati ġodda jew differenti. Għalhekk meta dan is-suġġett jiġi diskuss, dan isir fuq it-tagħrif attwali li jkollna, u dak li ġeneralment issib xi forma ta' consensus fuqu. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu ikunu differenti bejn il-pajjiżi. Dan jiddependi minn kemm il-professjonisti jaqblu fuq il-benefiċċji ta' l-iscreening, kif ukoll fuq ir-riżorsi tal-pajjiż.

Biex nieħu eżempju, ma tistax tagħmel kampanja ta' screening tal-kanċer tas-sider f'ċerti pajjiżi Afrikani, fejn lanqas biss hemm struttura bażika ta' kura tas-saħħa. Ċertu mard huwa wkoll iktar komuni f'ċerti pajjiżi u tagħmel iktar sens tfittxu hemm milli f'pajjiżi fejn mhux komuni.

Kif semmejt fil-bidu, l-iscreening jista' jibda' mill-persuna stess. Meta persuna tinnota xi ħaġa mhix tas-soltu, dan jista' jkun il-bidu tal-proċess. Eżempju ta' dan huwa meta niċċekkjaw il-ġilda għal sinjali ta' melanoma (ara DF Awissu-Settembru 2007). Il-persuna stess tista' titgħallem tagħraf sinjali suspettużi ta' dan il-kanċer tal-ġilda biex imbagħad tirrikorri għand it-tabib għal parir.

Id-darba li jmiss se niddiskuti r rakkomandazzjonijiet ta' screening fuq kundizzjonijiet speċifiċi. Ikun tajjeb li żżomm din il-ħarġa biex l-artikli li jmiss jinftiehmu aħjar.

**Nieħu l-opportunità biex nawguralkom ilkoll is-Sena t-Tajba mimlija Paċi, Saħħa u Ġid.**

*(Ikompli fil-ħarġa li jmiss)*

***Jekk għandek xi diffikultà fuq xi informazzjoni li sibt f'dan l-artiklu, ikun siewi li tkellem it-tabib tiegħek sabiex tiċċaraha.* •**

# L-ISFIDI AMBJENTALI LI GĦANDNA QUDDIEMNA (I)

- **In-nisrani għandu responsabbiltajiet lejn l-ambjent?**
- **X'inhuma d-drittijiet u d-dmirijiet tan-nisrani fuq u lejn il-Ħolqien t'Alla?**



Ma' dawn il-mistoqsijiet nsibu diversi konflitti li x'aktarx ġejjin mill-interpretazzjoni tal-versi bibliċi li nsibu fil-ktieb tal-Ġenesi fejn naqraw li d-dinja ngħatat lill-bniedem minn Alla bħala d-dominju tiegħu: "**U berikom Alla u qalilhom: Nislu u oktru, u imlew l-art u aħkmuha; u saltnu fuq il-ħut tal-baħar u t-tajr ta' l-ajru u l-ħlejjaq kollha li jitkaxkru fuq l-art. U l-Mulej Alla ħa lill-bniedem u qiegħdu fil-ġnien ta' l-Għeden biex jaħdmu u jħarsu**" (Ġen 2:15).



Hawnhekk tajjeb li nifhmu li dawn il-versi qed isejħulna sabiex inħarsu l-ħolqien t'Alla b'ċerta kura u galbu, mingħajr ma' nabbużaw mill-ħolqien. Irridu nieħdu ħsieb il-patrimonju naturali b'diliġenza u rispett. Dan il-ħsieb insibuh ukoll fil-ktieb ta' l-Esodu: **"Għal sitt snin int tiżra' l-art tiegħek u tiġbor l-uċuħ tagħha, imma fis-seba' sena tħalliha tistrieħ;..."** (Esodu 23:10-11).

Huwa fatt li l-bniedem jista' biss isalva f'din id-dinja jekk din tibqa' b'saħħitha. Irridu naġixxu b'mod korret sabiex nassiguraw futur aħjar għall-ġenerazzjonijiet futuri tagħna. Alla u mhux il-bniedem huwa sovran fuq il-ħolqien; huwa qal lil Adam u 'l Eva sabiex jaħdmu u jħarsu l-ġnien u għalhekk għandna nużaw u nħarsu n-natura kif jitlob minna Alla. Fl-istess ħin nafu sew li ħarsien tajjeb jeħtieġ għarfien kontinwu tal-ħolqien. Avvanzi kbar fix-xjenza u t-teknoloġija jistgħu jkunu ta' għajnuna kbira għal dan l-iskop. Għalhekk importanti li dawn il-mezzi nużawhom għall-ġid ta' l-ambjent u l-ħolqien kollu sabiex ikunu ta' ġid għalina wkoll.

Il-ġrajjiet kurrenti huma mimlija aħbarijiet u opinjonijiet dwar diżastri ambjentali. B'danakollu mhux diffiċli biex tinduna li l-valur ambjentali jirċievi attenzjoni pjuttost żgħira mill-komunità nisranija. Aspetti oħra fil-ħajja tagħna jirċievu ferm aktar attenzjoni mill-Knisja, bħal ngħidu aħna, in-nuqqas ta' tolleranza li naraw bejn razez differenti, jew id-distakk bejn il-pajjiżi għonja u dawk foqra. Forsi ukoll, l-insara jaraw is-suġġetti ambjentali minn lenti politika. Inħoss li bħala nsara, aħna nibqgħu lura milli nirrikonoxxu d-dmir sagrosant u r-responsabbiltà li għandna lejn din l-art u l-ħolqien li jinsab fiha. Id-dinja qiegħdha tiġi affetwata minna b'mod sinifikanti ħafna, u



bosta drabi, b'mod negattiv u irriversibbli. Dan jiġri għaliex ma narawx fejn jistgħu jwasslu dawn l-impatti ambjentali tagħna fil-ġejjieni. Fi kliem ieħor, qed inħarsu biss sa mneħerna.

Inħoss li bħala nsara għandna responsabbiltà lejn il-ħolqien ħafna aktar minn nies ta' fehma reliġjuża oħra. Permezz tal-fidi tagħna, fejn nemmnu li aħna xbieha t'Alla, għandna nuru lill-oħrajn it-triq lejn ir-responsabbiltà ambjentali. Bħala nsara għandna nużaw l-elementi tan-natura sabiex nibnu s-soċjetà tagħna, iżda qatt m'għandna neqirduhom bla bżonn jew bla ħsieb. Għalhekk, l-użu ta' l-ambjent għandu jkun bilanċjat. Nemmen li għandna d-dmir inħarsu l-ħolqien u l-ambjent qabel ma nħarsu lejn il-profitti materjali tagħna.

Ta' spiss inħoss li l-Knisja universali m'għamlitx biżżejjed sabiex tkattar il-ħsieb għal aktar ħarsien tal-ħolqien. Bħalma, ġustament, il-Knisja hija minn ta' quddiemnett fil-pożizzjoni tagħha fuq aspetti importanti li jolqtu il-ħajja tagħna, bħal ngħidu aħna, il-materjaliżmu, l-abort, id-dinjità umana, u l-inġinerija ġenetika, hekk ukoll għandha tkun minn ta' quddiem fil-ħarsien ta' l-ambjent u l-ħolqien.

## FIL-ĦARĠIET LI JMISS

Fit-tliet ħarġiet li jmiss se nirreferi għal xi ġrajjiet storiċi-reliġjużi sabiex inkun nista' ngħaddi ill-qarrejja sfond ta' kif ir-relazzjoni bejn il-bniedem u n-natura żviluppat matul iż-żminjiet. Dan se nagħmlu sabiex flimkien nifhmu aktar dwar l-iżvillup ta' din ir-relazzjoni, kif ukoll l-isfidi li aħna, bħala nsara, għandna quddiemna. Dan jgħodd kemm għalina kif ukoll għat-tfal tagħna u għal ġenerazzjonijiet futuri.

F'ħarġiet konsekuttivi għandi fi ħsiebi li nagħmel referenzi għal xi ħsibijiet interessanti dwar il-pożizzjoni tal-Knisja Kattolika lejn problemi ambjentali globali u lokali, li ħafna jarawhom bħala riżultat ta' kriżi morali u reliġjuża wkoll. Dawn il-punti huma:

- **Id-dimensjoni etika tal-kriżi ambjentali;**
- **Ir-relazzjoni bejn l-ekoloġija u l-faqar, kif ukoll bejn l-ambjent u l-iżvillup;**
- **L-istedina lill-komunità Kattolika, u nies ta' rieda tajba, sabiex jaħsbu aktar fil-profond dwar id-dimensjoni reliġjuża ta' dan is-suġġett;**
- **Il-bidu ta' komunikazzjoni usa' dwar il-kontribuzzjoni tal-Knisja lejn l-isfidi ambjentali.**

Nixtieq nieħu din l-okkażjoni sabiex permezz ta' dawn l-artikli nelabora ftit dwar ir-rabta bejn il-bniedem u d-dinja, u bejn l-ekoloġija naturali u dik soċjali. It-tradizzjoni Kristjana ssejħilna sabiex nipporteġu l-ħajja u d-dinjità tal-persuna umana; fl-istess ħin, aktar ma jgħaddi żmien, qegħdin niskopru li dan il-proċess ma jistax ikun separat mill-immaniġjar sostenibbli tal-ħolqien. •

# IŻ-ŻWIEĠ NISRANI



**Meta l-Mulej isejjaħ lill-koppja biex jiżżewġu, ikun qed jistedinhom jidħlu f'esperjenza ġdida tal-preżenza tiegħu, esperjenza ta' grazzji abbundanti marbuta mas-sejħa tagħhom, esperjenza ta' ferħ u avventura f'ismu, esperjenza ta' protezzjoni u mħabba speċjali.**

X'jagħmel minn żwieġ fil-Mulej, rabta differenti minn rabtiet oħrajn?

## L-GĦANIJIET TAŻ-ŻWIEĠ

Iż-żwieġ nisrani jimmira għal żewġ għanijiet:

- **ir-rabta ta' mħabba tal-koppja li twassalhom għall-għaqda sħiħa fuq il-mudell tat-Tliet Persuna tat-Trinità Qaddisa.**
- **it-tnissil responsabbli u l-edukazzjoni ta' l-ulied.**

Il-karatteristiċi ta' żwieġ nisrani

- **bejn raġel wieħed u mara waħda.**
- **fedeltà lejn xulxin.**
- **sa ma l-mewt tifridhom.**

Iż-żwieġ nisrani jinkludi l-elementi bażiċi tal-mixja tad-dixxipli ta' Ġesù: ċaħda tiegħek innifsek, terfa' salibek kuljum u timxi wara Ġesù. Tinkludi l-imħabba msejħa "agapè". Tinkludi rabta mal-Knisja fl-esperjenza tagħha, fl-imħabba u l-kura tagħha, fil-protezzjoni tagħha, fil-mixja tagħha. Tinkludi l-għan aħħari ta' premju għall-qaddejja fidili. Tinkludi l-element ta' l-evanġelizzazzjoni.

Jekk tħares lejn ix-xejriet tad-dinja, malajr tintebaħ li dan kollu jidher qisu fantasija sabiħa, imma mhux reali. L-istatistika ta' żwiġijiet li jfallu ħadet rotta 'l isfel tant li ħafna żgħażagħ qed jaqtgħu qalbhom miż-żwieġ. Dan kollu ġej mill-battalja spiritwali li d-dixxipli tal-Mulej qed iħabbtu wiċċhom magħha kontinwament.

## HU POSSIBBLI ŻWIEĠ BĦAL DAN?

Nirringrazzjaw lil Alla iva. Is-soluzzjoni hu Ġesù Kristu!

Ġesù tana t-tagħlim u l-qawwa. It-tagħlim, il-Kelma tiegħu hi x-xabla ta' l-Ispirtu u l-qawwa tiegħu hu l-istess Spirtu tiegħu. Il-grazzja partikulari ta' dan is-sagrament hi l-imħabba. Liema mħabba hi daqshekk qawwija li tegħleb l-isfidi kollha li koppja tiltaqa' magħhom fiż-żwieġ? L-IMĦABBA LI HI ALLA NNIFSU! Aħna ġejna mogħtija l-grazzja li jgħammar l-Ispirtu ta' Alla fina. Ir-rabta tagħna rabatha Alla stess! U min hu daqs Alla! Alla hu kapaċi jikteb dritt fuq il-linji mgħawwġa tagħna. Teżisti problema li hi ikbar minn Alla? LE! Alla hu Alla. Alla jista' kollox. Dak li jibda hu, jilħaq il-milja tiegħu.

## IL-KARATTERISTIĊI TA' L-IMĦABBA TA' ALLA

Fil-Bibbja nsibu diversi kliem bil-Lhudi u bil-Grieg (il-lingwi li bihom inkitbet l-Iskrittura Mqaddsa) li nqalbu bil-Malti bil-kelma mħabba. Dawn il-kliem juru tipi u aspetti differenti ta' l-imħabba. Allura, jaqbel lilna li nkunu nafu x'tip ta' mħabba qed nitkellmu fuqha meta ngħidu li l-koppja trid tħobb lil xulxin għal dejjem u b'mod esklussiv. M'iniex se nagħti xi studju profond dwar dan, imma biex il-ħajja tagħna ta' mħabba fiż-żwieġ tingħata spinta 'l quddiem.

- **aħabah/ aħeb**

  *Imħabba ġenwina, mill-qalb "Iżakk ħa lil Rebekka u saret martu u ħabbha" (Ġen 24:67); "Ikun imbierka l-għajn tiegħek, mart żgħożitek! Ifraħ biha. ... issaħħrek bla heda mħabbitha" (Prov 5:18-19); "L-istendard tiegħu fuqi hi l-imħabba" (Għanja 2:4); "(Alla) stess salvahom għall-imħabba u l-ħniena tiegħu" (Iżaija 63:9).*

- **ħesed**

  *Imħabba ħanina, tjieba "bi mħabba ta' dejjem ħabbejtek" (Ġer 31:3); "ngħarrsek miegħi fis-sewwa u l-ħaqq, fl-imħabba u l-ħniena, b'rabta fidila jiena ngħarrsek miegħi" (Hos 2:22).*

- **fileo**

  *Imħabba affettiva bħal tal-ħbieb jew bejn ġenituri u wliedhom "Min iħobb lil missieru jew lil ommu ..." (Mt 10:37); "Mulej, ara, ħabibek marid" (Ġw 11:3); "Min iħobb lil ħajtu jitlifha" (Ġw 12:25).*

- **agapè**

  *L-imħabba ta' Alla "Kif ħabbni Missieri, hekk ħabbejtkom jiena. Ibqgħu fl-imħabba tiegħi" (Ġw 15:9); "l-imħabba ta' Alla ssawwbet fi qlubna permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna" (Rum 5:5); "int għandek tħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha ..." (Mk 12:30); "intom, irġiel, ħobbu n-nisa tagħkom, kif Kristu ħabb il-Knisja" (Ef 5:25).*

Issa, l-imħabba fiż-żwieġ tieħu diversi forom skond il-mument, imma żgur li l-imħabba li trid tibni ż-żwieġ mill-bidu sat-tmiem trid tkun l-imħabba "agapè" li ħierġa mill-Ispirtu s-Santu li jinsab fina u li hi l-grazzja li nirċievu fis-Sagrament taż-Żwieġ.

L-imħabba agapè trid tagħti l-karattru lill-imħabba tal-miżżewġin. Telqu lill-ġenituri tagħhom biex l-imħabba tagħhom għal xulxin issir iktar qawwija. Iridu jsiru l-aqwa ħbieb, f'xulxin isibu l-aqwa wens, l-aqwa kumpanija.

L-imħabba mingħar kundizzjonijiet hi l-imħabba tan-nisrani. Hi għalhekk l-imħabba li l-miżżewġin fil-Mulej iridu jaqsmu ma' xulxin qabel ħaddieħor, inklużi l-ġenituri, l-ulied u l-ħbieb. Hi l-imħabba li tiggwida l-għażliet tagħhom, ix-xogħol u l-passatempi, is-servizz li jagħtu fid-dar u barra d-dar. Ġesù qal li ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi. Din hi l-imħabba li taqdi bla ma tistenna xejn lura.

Hawn il-kunsens taż-Żwieġ Nisrani jieħu tifsira profonda, "Jiena ... nieħu lilek ... b'marti/ żewġi u nwiegħdek li nżomm ruħi fidil/a lejk, fir-riżq it-tajjeb u l-ħażin, fil-mard u fis-saħħa, li nħobbok u nirrispettak tul ħajti kollha". Minn din l-imħabba jinbnew il-karatteristiċi taż-Żwieġ Nisrani:

(i) li jgħaqqad lill-koppja li jsiru ħaġa waħda u jgħinu lil xulxin ħalli jsiru qaddisin,

(ii) ikunu fidili lejn xulxin f'moħħhom, f'ġisimhom u f'qalbhom, ma' ħbibhom u ma' wliedhom, fuq il-post tax-xogħol u fid-divertment u

(iii) li r-rabta tagħhom ma jħolla ħadd, la nkwiet, la mard, la xogħol, la qraba, la ħbieb, l-ebda proġett u l-ebda persuna.

San Pawl jispjega l-imħabba agapè billi jgħid:

**"l-imħabba taf tistabar u tħenn;**
**l-imħabba m'hijiex għajjura, ma tintefaħx biha nfisha, ma titkabbarx fuq l-oħrajn;**
**ma tagħmilx dak li m'hux xieraq;**
**ma tfittixx dak li hu tagħha,**
**xejn ma tinkorla;**
**ma żżommx f'qalbha għad-deni,**
**ma tifraħx bl-inġustizzja,**
**imma tifraħ bil-verità;**
**kollox tagħder, kollox temmen,**
**kollox tittama, kollox tissaporti.**
**L-imħabba ma tintemm qatt"**
(1Kor 13:4-8).

Finalment, il-pjan ta' Alla għall-miżżewġin hu dan: Ir-raġel miżżewweġ **"ħsiebu ... kif jogħġob lil martu"**, u **"l-mara miżżewġa ħsiebha ... kif togħġob lil żewġha"** (ara 1Kor 7:33-34). Dan hu s-sigriet għal imħabba dejjiema fiż-żwieġ: kompetizzjoni bejn ir-raġel u l-mara min se jħobb l-iżjed lil xulxin! •



Patri, din x'biċċa hi li anki jekk tkun mara tajba, xorta waħda tista' tiżbalja bl-ikrah? Ma nistax nifhem għaliex jiġri hekk. Dan l-aħħar ħriġt mid-dar bla ebda ħsieb ieħor f'rasi għajr li nagħmel il-qadi tiegħi tas-soltu. Malli dħalt f'ċertu ħanut, mnejn ili snin imdorrija nixtri, u rajt lill-bejjiegħ, ma nafx xi ġrali. Fejn qabel qatt ma kont nagħti kasu, f'daqqa waħda nġbidt lejh. Fil-pront ċedejt lix-xerrejja li laħqu daħlu warajja, għax ikkalkulajt li b'hekk jista' jkolli opportunità noqgħod inpaċpaċ ftit miegħu, ħaġa li qatt ma ħlomtha qabel. Hu nduna b'dak li kien għaddej minni għax tani daqqa t'għajn fiha x'tifhem. Dħaqtlu u dik id-daħqa kienet il-bidu ta' relazzjoni, pjuttost ambigwa milli pekkaminuża, bejnietna. Naturalment beda ma jżommlix flus għax-xiri li nagħmel għandu. B'hekk iżjed u iżjed inġbidt lejh. Issa ġejt fiha u qist kemm hi perikoluża s-sitwazzjoni li poġġejt lili nnifsi fiha. Nixtieq noħroġ minnha malajr kemm jista' jkun, imma qisni ma nistax nagħmel hekk. X'għandi nagħmel biex nibża' għaż-żwieġ tiegħu u tiegħi?

***Patri William iwieġeb...***

*Qabel xejn ngħidlek li ma għandekx għaliex tistgħaġeb jekk inti mara ta' l-affari tiegħek u ġralek dak li ġralek. Il-ħajja tajba tiegħek ma teżentakx milli tista' tgħaddi minn ċerti esperjenzi misterjużi li jistgħu jisfidaw il-fedeltà tiegħek fiż-żwieġ u, malli ssib ruħek fihom, mill-ewwel tibda togħtor. It-tentazzjoni tista' tiġi fuqek għal għarrieda. Kif tista' tinbena bil-mod il-mod, u tista' tisbqok. M'hemmx x'tagħmel! Din hija parti mill-ħajja.*

*Fil-bidu ta' l-ittra tiegħek użajt l-espressjoni 'tiżbalja bl-ikrah' u kważi fl-aħħar tagħha għedt li mal-bejjiegħ bdejt relazzjoni iżjed ambigwa milli ta' dnub. M'hemmx proporzjon bejn relazzjoni ambigwa (tixxenqel bejn dnub u mhux dnub) għal relazzjoni ta' infedeltà jew adulterju. F'kelma waħda, tgħaġġibx dak li ġralek iżjed milli suppost. Is-sitwazzjoni li sibt ruħek fiha tort tiegħek stess, ħalliha d-daqs li hi, inkella tagħmel ħsara lilek innifsek u ma toħroġx ħielsa minnha għal kollox.*

*Dak li għaddejt minnu bla ħsieb ta' xejn jirrifletti nuqqas ta' ħsieb min-naħa tiegħek. Suppost kont taf li raġel barrani li tħabbat wiċċek miegħu ta' spiss ma trid xejn biex jisbaħ u ħabta u sabta tinġibed xi ftit lejh. Affarijiet li jiġru. Inti stess għedt hekk. It-tort tiegħek qiegħed hawn: kif indunajt li l-kulur minn aħdar qaleb għall-aħmar, suppost li kont pronta u għassa fuqek innifsek, ħalli tikkontrolla l-emozzjonijiet tiegħek. Imma flok għamilt hekk, ħallejt is-sentimenti ta' dak il-mument tant jiġru bik li kaxkruk warajhom. Issa ara xi ġralek!*

*Trid taqta' malajr ir-relazzjoni li bdiet bejnek u bejn il-bejjiegħ, għax f'qasir żmien donnha daħlet ftit 'il ġewwa peress li bdew il-kumplimenti li qegħdin jiġbduk iżjed lejh. Għadek fil-bidu ta' din ir-relazzjoni u tista' toħroġ minnha bi ftit sforz, basta taħdem fuqek innifsek bis-serjetà. Kif? Billi jekk hu possibbli, ma tkomplix tixtri mingħandu. Bogħod mill-għajn bogħod mill-qalb.*

*Tgħidli: "Għamilthieli faċli wisq is-soluzzjoni. Għadek ma tafx kif iġġennint wara r-raġel li kellimtek dwaru, kif rasi qed iddur bih, kif jiena mdamdma bih." Naf xi trid tgħid, imma biex taqta' trid tagħmel kif għedtlek jien. Fil-bidu qalbek trid tqattar id-demm, inkella tibqa' fejn inti, anzi tmur għall-agħar. M'hemmx triq oħra. B'hekk biss toħroġ bla tebgħa mis-sitwazzjoni mwiegħra li tinsab fiha, tieħu lezzjoni minnha u tħalliha tkabbrek għall-ġej. Obdini u tara x'jiġri minn hawn u ftit ieħor: kemm tibda tħossok tajba. Imma jekk ma tagħmilx dak li għedtlek, tista' tibda sensiela ta' dnubiet li jifnulek ħajtek. Ma jaqbillekx. Qiegħda f'qagħda li tista' tinbroljak sew. Ibża' għaż-żwieġ tiegħek. Ftakar li hu ġrajja qaddisa, għax iċċelebrajtu bħala sagrament.*

*Inħallik billi nfakkrek tieħu ħsieb bis-serjetà l-ħajja spiritwali tiegħek. Biha kapaċi titla' kull ħajt imkaħħal sew!* •

Gi.FRA | Jason Sammut



# IL-FESTI U Ż-ŻGĦAŻAGĦ

**Qiegħed nikteb dan l-artiklu fil-bidu ta' sena ġdida u qabel ma jiftaħ l-istaġun tal-festi. Ħassejt li għandi nikteb fuq dan is-suġġett għax bħala delettant li nżur diversi festi matul is-sajf inħoss li ċerti affarijiet li qed isiru, qegħdin ikissru l-iskop tal-festi Maltin. Għalija l-għanijiet tal-festi huma tnejn, l-ewwel li l-festa tgħaqqad il-paruċċani flimkien biex jifirħu bil-patrun/a tar-raħal jew belt tagħhom. It-tieni għan hu li permezz ta' dawn il-qaddisin aħna għandna nersqu iżjed lejn Alla billi nimxu fuq l-eżempju li kienu jagħtu matul ħajjithom.**

Il-festa Maltija bdiet għall-ħabta tas-seklu 16 u kienet biss avveniment zgħir fejn kollox kien limitat. Illum il-ġurnata f'kull belt u raħal isiru festi ad unur ta' qaddis jew qaddisa differenti u f'ċerti lokalitajiet ikun hemm iktar minn festa waħda. Ħafna żgħażagħ ssibhom jaħdmu fuq bażi volontarja u jistinkaw fil-każini tal-baned, għaqdiet ta' l-armar kemm ta' barra l-knisja kif ukoll ta' ġewwa u għaqdiet tan-nar fost oħrajn. Din hija ħaġa tajba għax b'hekk iż-żgħażagħ jużaw il-ħin liberu tagħhom tajjeb u ma jaqgħux għal xi vizzju. Issib ħafna żgħażagħ li jafu jibbilanċjaw dak li hu reliġjuż ma' dak li hu profan

B'dak li se ngħid ma nixtieqx niġġeneralizza però nħoss li l-festi illum qed isiru pagani. Forsi tgħiduli għaliex qiegħed tgħid hekk? Nibda billi ngħid illi l-iżbilanċ bejn dak li hu festa interna ma' dik esterna qiegħed jikber sena wara sena. Żewġ mistoqsijiet nixtieq nistaqsi liż-żgħażagħ bħali:

- **Kemm fi żmien il-festa qed nattendu għall-funzjonijiet tal-Knisja biex nitgħallmu nixbħu iżjed lil dak il-qaddis jew qaddisa?**
- **Kemm qed inrażżnu lsienna billi ma noqogħdux ngħajru lil ħaddieħor?**

Nixtieq nagħlaq dan l-artiklu billi ngħid li ż-żgħażagħ huma fattur importanti fil- festi tagħna biex b'hekk it-tradizzjonijiet u d-drawwiet li ħallewlna missirijietna jkomplu u ngħadduhom lil ta' warajna aħjar milli għaddewhomlna ta' qabilna. •



# "ĦA JSIR MINNI SKOND KELMTEK!" (Lq1:38)

**Ħarset ċass, siktet, staqsiet, ħasbet sakemm tpoġġi il-fidi tagħha f'Alla u tissupera l-biża', l-insigurtà, l-qtiegħ ta' qalb u dak kollu li ġġib magħha s-sejħa mingħand Alla.**

Marija staqsiet: **"Kif ikun dan, ladarba ma nagħrafx raġel?"** (Lq 1:34). Tweġiba immedjata mingħand l-anġlu li l-Ispirtu s-Santu se jaħdem fiha.

F'din il-ġrajja tas-sejħa ta' Marija nistgħu npoġġu lilna nfusna. Fil-ħajja nisranija tagħna Alla jsejħilna biex inwettqu missjoni. Iżda għax aħna bnedmin meta nagħrfu dak li jrid tassew Alla minna nibżgħu, naqtgħu qalbna, niddubitaw u nġibu skuża waħda wara l-oħra sabiex nikkonvinċu lilna nnfusna li Alla mhux lilna qed issejjaħ għal dik il-missjoni partikulari mogħtija lilna.

Iżda f'dan kollu trid tidħol il-fidi. Ma nistgħux nirraġunaw b'moħħna, iżda rridu npoġġu l-kliem ta' Marija: **"Ha jsir minni skond kelmtek!"** (Lq 1:38). Dan kien ifisser li Marija titlaq il-ħolm li kellha għall-futur, il-proġetti tagħha biex twettaq il-proġett li Alla ried minnha. Hekk ukoll aħna meta naslu li naċċettaw is-sejħa t'Alla f'ħajjitna nkunu qegħdin nikkoperaw mal-pjan li Alla ħejja għalina. Iżda dan jitwettaq fina minn kemm ikollna fiduċja u relazzjoni intima ma' Alla. Ma nistgħux naqdu żewġ sidien, dak li rrid jien u li dak li jrid Alla.

Kull sejħa mingħand Alla ġġib ferħ. Alla li juri fiduċja fija. Mhux għax jien tajjeb jew kapaċi, iżda għax jitfa' ħarstu lejja u jagħżilni biex inwettaq missjoni. Il-vokazzjoni li Alla jagħtini mhix tiegħi. Kien Alla li sejjaħli u għalhekk irrid noffri ħajti kollha lil Alla u lil poplu t'Alla li jiġi afdat f'idejja.

Marija turina dan. Telqet tħaffef lejn l-għoljiet, f'belt tal-Lhudija biex tiltaqa' ma' Eliżabetta. Marret taqdi. Din hi l-missjoni għal kull min hu msejjaħ li jaqdi lil Alla u lil proxxmu. Jilbes il-fardal biex inkun qaddej fuq l-eżempju ta' Ġesù li niżel u ħasel riġlejn l-Appostli.

Meta nwettaq ir-rieda t'Alla r-riżultat ta' dan ikun il-ferħ. Bħal Marija nkun hieni għax emmint f'dak kollu li bagħat jgħidli l-Mulej. B'hekk il-grazzja t'Alla taħdem fija u bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu naħdem bil-heda fl-għalqa tal-Mulej, biex ma' San Pawl inkun nista' ngħid li mhux jien ngħix imma Kristu jgħix fija. •



# IL-KONVENJU (3)

**Għamilt referenza fl-artiklu preċedenti għall-importanza li titniżżel fil-konvenju kondizzjoni li l-fond li jkun mertu tal-konvenju jiġi spezzjonat minn perit arkitett. Importanti ħafna li din ma tiġix eskluża. Però dan mhux kollox. Persuna li se tmur tixtri fond, l-aktar jekk din tkun l-ewwel okkażjoni tagħha li takkwista proprietà u ma tkunx assistita minn kunsulent legali tagħha għandha jkollha għajnejha miftuħa daqs ta' kokka biex fil-konvenju ma jiġux esklużi l-garanziji tal-bejgħ kontra d-difetti. X'ikunu l-garanziji tal-bejgħ!**

Hemm żewġ forom ta' garanziji. Garanzija fil-każ ta' bejgħ tista' tkun mogħtija bi ftehim bejn il-bejjiegħ u x-xerrej jew tista' tkun dik il-garanzija li tiskatta awtomatikament bis-saħħa tal-liġi. Il-garanzija bi ftehim hija dik il-garanzija ffirmata mill-bejjiegħ fejn per eżempju jgħid li jekk l-oġġett tiġrilu ħsara fi żmien sena se jagħmel tiswijja b'xejn. Din il-garanzija l-bejjiegħ mhux obbligat li jagħtiha u meta din tingħata ssir ex gratia mill-bejjiegħ. Però l-garanzija li toħroġ mil-liġi fil-każ ta' bejgħ hija garanzija obbligatorja biex nghidluha hekk. Hemm differenza importanti bejn il-garanzija li jagħti l-bejjiegħ bi ftehim u l-garanzija tal-liġi. Id-differenza bejniethom tibbaża fuq id-difett u meta dan kien sar u minn meta eżista.

Il-garanziji tal-liġi jħarsu lejn dak id-difett li jkun jeżisti fl-oġġett fil-mument tal-bejgħ li però billi dan id-difett ikun moħbi, ix-xerrej ma jkunx induna bih. Dan fil-liġi nsibuh bħala l-garanzija kontra d-difetti latenti (moħbi). Importanti li wieħed jiddistingwi bejn dawk id-difetti li jkunu jeżistu qabel il-bejgħ u dawk li jsiru wara l-bejgħ. Il-prinċipju legali huwa li meta wieħed jakkwista oġġett tajjeb, minn dak il-mument dak kollu li jiġri lil dan l-oġġett hija responsabbiltà tax-xerrej u ma jistax imbagħad wara jdur fuq il-bejjiegħ. Eżempju, akkwistajt arloġġ tajjeb u wara dan ġratlu ħsara. Dak li jiġri fl-arloġġ wara li akkwistajtu jrid iwieġeb għalih ix-xerrej (sakemm ma jkunx hemm garanzija miftehma kif spjegat aktar 'il fuq). F'każ li l-arloġġ kellu difett fil-mument li ġie akkwistat u dan id-difett kien jidher, ovju u allura mhux latenti, l-istess dak id-difett huwa responsabblità tax-xerrej. Fuq l-istess eżempju, jekk wieħed jakkwista arloġġ bil-ħġieġa migrufa ma jistax din il-persuna wara tmur tillamenta ruħha mal-bejjiegħ. Però jekk id-difett ikun moħbi l-liġi tistabbilixxi garanzija li jipproteġi lix-xerrej kontra dawn id-difetti.

Il-liġi, f'każ ta' difetti moħbija jew latenti, tipprovdi żewġ soluzzjonijiet li x-xerrej irid jagħżel minnhom. Dawn huma: jew talba għat-tħassir tal-kuntratt ta' bejgħ jew talba biex il-prezz jitnaqqas skond dak li kien ikun lest iħallas ix-xerrej li kieku kien jaf bl-eżistenza tad-difett. Sitwazzjonijiet komuni li nqalgħu huma dawk il-każi fejn persuna takkwista proprietà u meta x-xerrej jara l-fond jkun jidher li kollox ikun sew. Wara li jiġi akkwistat l-fond, ix-xerrej jinduna, eżempju li s-soqfa tal-fond ikollhom il-ħsara. Hawn ħafna każi bħal dawn fejn nies ikunu xtraw fond li s-soqfa tagħhom ikunu jidhru tajbin. Però malli jsir xi xogħol jinduna l-bejjiegħ li s-soqfa jkunu mnawrin. Naturalment u anki skond dak li ntqal aktar 'il fuq jekk dan id-difett eżista fil-mument tal-bejgħ u dan kien moħbi, ix-xerrej jista' jew jitlob għat-tħassir tal-kuntratt jew inkella tnaqqis tal-prezz tal-bejgħ skond dak li x-xerrej kien lest li jħallas li kieku kien jaf bid-difett inkwistjoni.

B'hekk huwa ferm importanti li dawn il-garanziji ma jiġux esklużi fil-kuntratt billi jekk espressivament dawn jiġu esklużi ma jkunx hemm protezzjoni għax-xerrej.

Fl-artikolu li jmiss nidħol f'aktar dettall fuq xi aspetti importanti fil-konvenju. •



# IL-BOLOL TA' MALTA (3)

## DANTE ALIGHIERI 1965




Biex tfakkar is-700 sena mit-twelid ta' Dante Alighieri, il-posta ta' Malta ħarġet sett ta' tliet bolol taż-2d, tas-6d u tax-xelin. Dante huwa wieħed mill-poeti l-kbar fil-letteratura Ewropea. Huwa twieled f'Firenze fl-1265, iżda minħabba l-gwerer li kien hemm f'dawk iż-żminijiet huwa għex u miet fl-eżilju. L-iktar xogħol magħruf mad-dinja kollha ta' Dante hija d-Divina Commedia. Hawn huwa jimmaġina lilu nnifsu qed jiġi mwassal sa l-infern u l-purgatorju mill-poeta Latin Verġilju u sal-ġenna minn Beatriċe. Dante kellu influwenza kbira fuq poeti oħra famużi, bħat-Taljan Petrarka u l-Ingliżi Chaucer, Blake u iktar tard T S Eliot. Dante miet fl-1321.

## L-ASSEDJU TA' MALTA 1965




Għall-okkażjoni tar-raba' Ċentinarju mill-Assedju l-Kbir ta' l-1565, Envin Cremona ddisinja sett sabiħ ħafna ta' 7 bolol. Dik kienet sena li fiha l-Kavallieri ta' San Ġwann u l-poplu Malti ġew wiċċ imb'wiċċ ma' l-qawwa tal-biża' tas-Sultan Tork Suleiman. Din kienet armata li ħadd ma sata' jwaqqaf il-progress kbir li kienet qed tagħmel fl-ibħra tal-Mediterran. Suleiman ried ikabbar l-Imperu Ottoman u jxerrdu ma' l-Ewropa kollha. Huwa għaraf l-importanza ta' Malta għax minn hemm sata' jattakka Sqallija, l-Italja u anki l-Ungerija. Fit-18 ta' Mejju 1565 kwantità kbira ta' xwieni Torok ankraw barra l-Port il-Kbir u bdew assedju li kienu żgur li kienu se jerbħu. Iżda l-Kavallieri u l-Maltin, immexxija mill-qalbieni Gran Mastru La Valette, irnexxielhom jiddefendu l-pajjiż minkejja li l-għadu kien ferm superjuri. It-Torok qatt ma stennew reżistenza qawwija bħal din u kellhom jitilqu lura minfejn ġew. Minn hawn il-qawwa Torka bdiet sejra lura sakemm sfaxxat għal kollox fil-Battalja ta' Lepanto fl-1571.

## IL-MILIED 1965




Dan kien it-tieni sett ta' bolol tal-Milied li kien jikkonsisti fi tliet bolol tas-1d, ta' l-4d u tax-1/3. Dan is-sett kien juri t-tliet Slaten Maġi jippreżentaw ir-rigali tagħhom ta' deheb, inċens u mirra lit-tarbija Ġesù fil-maxtura.

## SIR WINSTON CHURCHILL 1966




Is-sett ta' erba' bolol taż-2d, 3d, 1/- u 1/6 inħareġ biex ifakkar l-ewwel anniversarju mill-mewt ta' Sir Winston Churchill, li kien magħruf bħala l-ikbar Ingliż ta' żmienu. Huwa twieled fl-1874, sar suldat, korrespondent tal-gwerra, membru tal-Parlament Ingliż, oratur u kittieb magħruf. Huwa kellu saħħa kbira fix-xena politika, iżda kien ikkritikat bl-aħrax meta fl-ewwel gwerra dinjija daħħal lill-Ingilterra f'kampanji li ħallsu prezz għoli, bħal ma kienet dik ta' Gallipoli. Fl-1940 huwa laħaq Prim Ministru biex jilqa' t-theddida ta' Adolf Hitler u anki żar Malta biex jara b'għajnejh l-istraġi li konna għaddejjin minnha. Kien Prim Ministru mill-1940 sa 1944 u mill-1951 sa l-1955 meta kellu jirriżenja minħabba saħħtu. Huwa miet ta' 91 sena fl-1965. •

***Jekk trid tirċievi 50 bolla differenti ta' Malta jew 100 bolla differenti ta' barra ibgħat 8 bolol ġodda tat-8ċ f'dan l-indirizz: 11, Triq il-Gladjoli, San Ġwann.***

## KOMPETIZZJONI BOLOL TA' MALTA

**Tlieta minn dawn l-erba' settijiet ta' bolol ifakkru tlett anniversarji speċjali. X'kienu dawn it-tlett anniversarji?**

**Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni ta' Novembru kienu:**

1. **John De Battista, 46 Triq Dun Ġwann Pullicino, MOSTA MST 2703**
2. **Emma Muscat, 26 Triq il-Knisja, PAOLA PLA 1073**
3. **Joseph Galea, 2 Block 9A, Triq it-Tulipani, SAN ĠWANN SGN 1293.**

Il-premjijiet se jingħataw ġentilment mill-Maltapost plc. It-tweġibiet għandhom jintbagħtu lili f'dan l-indirizz:
Kompetizzjoni **Bolol ta' Malta,**
**11, Triq il-Gladjoli, San Ġwann SGN 1370.**



# KRISTU RÈ 2007

## Ma nistax nidħol f'impenn veru jekk ma nafx min hu s-Sultan tiegħi.

Is-Saltna ta' Ġesù ma tibdiex minn ċelebrazzjonijiet jew manifestazzjonijiet kbar. Tibda minn kemm din is-Saltna qiegħda l-ewwel ġewwa qalbi, u mbagħad niltaqgħu biex nagħmlu Ċelebrazzjonijiet jew Festi sbieħ flimkien. Imbagħad nibdew nagħmlu għażliet x'inhu u x'mhuwiex tas-Saltna skond is-Sultan tagħna. Inħoss li għandi ngħid lis-saċerdoti, lill-aħwa nsara li huma involuti f'dawn iċ-Ċelebrazzjonijiet Liturġiċi jew ta' barra l-Knisja li jibdew minn din il-kunsiderazzjoni biex nagħtu ġieħ lil Kristu Sultan kif uriena li jogħġob lilu.



Aħna l-ewwel li ningħarfu li aħna tas-Saltna tiegħu jekk fl-għemejjel żgħar ta' kuljum nixbħuh: ħlewwa ma' dawk li huma qrib tiegħi, b'mod speċjali fiż-żwieġ u l-familja; ġustizzja f'kull ambjent tax-xogħol, għandi liema xogħol għandi; is-salib li nġorr meta niġġieled ġewwa fija, u madwari kontra kull ħażen.

## Ma nistax nimpenja ruħi veru għas-Saltna jekk ma nafx x'inhi s-Saltna ta' Alla.

Tkun ħasra jekk nisrani jinduna li fl-għażliet tiegħu huwa mmexxi iktar mir-reklami jew l-ideat ta' madwaru milli mit-tagħlim u l-għemil ta' Ġesù. Hija ħasra li tgħaddi ġimgħa u ma narax x'żidt mat-'teżori tas-sema'. Hija ħasra li ninduna li għaliex ma għamiltx għażla sew għal Alla, allura qed ngħix għal 'Mammona': il-flus, il-pjaċir. Ġesù qalilna li dan kollu jista' jiswielna l-ksib jew ittelfien tas-Saltna.

## Ma nistax nimpenja ruħi sew għas-Saltna jekk ma narax it-Triq li twassal għaliha.

Irid ikollna għajnejn bħal tat-tfal, mhux għajnejn suppervi, jew kumplikati, jew kritiċi jew ċiniċi: **"għax ta' min hu bħalhom hija s-Saltna tas-Smewwiet"** (Mt 19,14). Irridu nkunu bħat-tfal li huma dejjem lesti biex jistagħġbu: bis-Sultan tagħna, bis-Saltna. Hemm min ma jasalx lejn Alla għax is-suppervja tiegħu twasslu biex jemmen li hu ikbar minn Alla. Ħadd ma jista' jasal lejn Alla jekk l-ewwel mhux kapaċi joqgħod quddiem Alla għarkubbtejh f'qalbu. M'hemmx mod ieħor!

Huwa biss meta nagħmlu din ilgħażla u nwettquha li verament niċċelebraw is-Sultan u s-Saltna tiegħu. •

# ROKNA GHAT-TFAL

Tfal, din hi rokna għalikom. Sibu l-kliem mitlufin.

**Mill-Apokalissi**

ALFA
ANĠLU
ASJA
EFESU
FILADELFJA
ĠWANNI
GŻIRA
KELMA
OMEGA
PATMOS
PERGAMU
PRINĊEP
QASSISIN
RAZEZ
SARDI
SHAB
SPIRTI
TJATIRA
TROMBA
ŻMIRNA

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| F | M | Ż | M | I | R | N | A | S | J | U | W | G |
| S | I | Z | E | Z | A | R | A | R | M | T | K | Ż |
| K | E | L | M | A | I | D | R | A | S | R | J | I |
| E | S | F | A | T | J | A | G | Ż | P | O | W | R |
| R | F | L | A | D | O | R | Ġ | N | A | M | U | A |
| N | O | J | F | K | E | F | E | S | U | B | I | P |
| I | T | I | R | P | Q | L | O | Ż | M | A | R | Ż |
| S | P | A | S | J | A | M | F | I | L | I | U | I |
| I | A | G | Ż | I | T | D | Ġ | J | N | O | L | T |
| S | T | E | B | A | H | S | W | C | A | P | Ġ | R |
| S | R | M | P | L | F | A | E | K | L | U | N | I |
| A | H | O | S | P | I | P | H | I | F | H | A | P |
| Q | M | I | N | N | A | W | Ġ | Q | A | S | I | S |

**Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslulna mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar.**

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:
**ROKNA GHAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana VLT 14.**

**Ir-Rebbieħ ta' Novembru huwa:**
**Miguel Galea Sillato – San Ġwann**
**Nifirħulek!**

# TISLIBA - 77



1. Daqsxejn minnha. (Gal 5,9) **(5)**
2. Dawk kollha ħarġu minn hawn. (Lhud 3,16) **(6)**
3. Nitlob lissalvali din. (Est 7,3) **(5)**
4. Tkun bħal… (Is 29,7) **(5)**
5. Kemm-il tifel inissel. (Koħ 6,3) **(4)**
6. Minn fejn jixtru. (Mt 25,9) **(5)**
7. Dwar il-qawwa u dwar ħaġ'oħra. (2 Pt 1,16) **(5)**
8. Missier Xmun. (Sir 50,1) **(5)**
9. *Lemħet* is-salvazzjoni. (S 98,3) **(3)**
10. Lil min ser jibgħatilhom. (Fil 2,19) **(7)**
11. u 12. Il-materjal tal-borma. (Lev 6,21) **(6)**
13. Lil Żena u lil dan. (Tit 3,13) **(6)**
14. …rwleħkom. (2 Ġw 8) **(5)**
15. Lazzru kien fi… **(5)**
16. Hekk isiru bl-ubbidjenza. (Rum 5,19) **(5)**
17. Sew jekk ħaj sew jekk hekk. (2 Mk 6,26) **(5)**
18. Aħżen l-ilma għal dan. (Naħ 3,14) **(7)**
19. Hekk hu l-Mulej għalija. (Eżek 6,3) **(4)**
20. Li kienet… Onam. (1 Kron 2,26) **(3)**
21. U Tir u din. (Żak 9,2) **(5)**
22. U *marru* t-tnejn. (Rt 1,19) **(5)**

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' NOVEMBRU:**
***1. Ħmira; 2. Aħitub; 3. Wiċċi; 4. Poppa; 5. Mene; 6. Stess; 7. Moħbi; 8. Onest; 9. Rat; 10. Ċipress; 11. u 12. Jbaxxi; 13. Xellug; 14. Miġja; 15. Isbaħ; 16. Illum; 17. Attiv; 18. Inħasel; 19. Hama; 20. Lot; 21. Jimla; 22. Unuri.***

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:* ***Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN 1211***

**Ir-Rebbieħa ta' Novembru hija:**
**Grace Debattista – Għajnsielem, Għawdex. Nifirħulek!**

# L-ARGUMENT FAVUR IS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (3)



## IL-PERIKLI FUQ IL-POSTIJIET TAX-XOGĦOL

La hemm diversi tipi ta' xogħol allura l-perikli nvoluti huma diversi wkoll. Anki uffiċċju komdu, bl-arja kondizzjonata u skrivanija ta' l-irħam, mhuwiex kompletament liberu minn kull periklu. Kieku kellha tinqala' xi emerġenza u l-bini fejn jinsab dan l-uffiċċju jinħakem min-nirien, l-impjegati għandhom aċċess għall-passaġġi u ħruġ li permezz tagħhom jistgħu jevakwaw il-bini b'mod sigur?

## IL-KOMPJUTER




Issemmiet il-kumdità ta' l-uffiċċju. Imma tgħidx kemm qed jiżdied in-numru ta' ħaddiema li qed ibatu minn uġigħ imsejjaħ Work Related Upper Limb Disorder (WRULD) minħabba l-użu regolari tal-kompjuter mingħajr il-prekawzjonijiet meħtieġa. Hemm avviż legali Nru 43/2002 li jitkellem b'mod dettaljat fuq dan il-periklu partikolari.

## IL-KANĊER

Il-ħsara kkaġunata minn ċerti perikli taf tkun immedjata – bħal waqgħa mill-għoli. Però hemm perikli li jagħmlu l-ħsara tagħhom mal-medda taż-żmien: il-ħsejjes; l-asbestos; rfiegħ regolari ta' oġġetti tqal; ir-radjazzjoni; aġenti kimiċi u bijoloġiċi perikolużi. Tant jittieħdu dawn bis-serjetà li hemm avviż legali li jitkellem fuq dawn il-periklu kollha u x'għandu jagħmel min iħaddem biex jipproteġi l-impjegati li, minħabba x-xogħol li jagħmlu, huma esposti għalihom. Riċerka riċenti turi li sa 30% tal-mard tal-kanċer għandu l-oriġini tiegħu fuq il-postijiet tax-xogħol. Tisma' b'ħafna stejjer tal-biki fejn nies, li suppost qed igawdu l-irtirar tagħhom mix-xogħol, minflok qegħdin jissieltu ma' xi marda qerrieda jew diżabbiltà minħabba x-xogħol li kienu jagħmlu.

## ILBIES PROTETTIV

Hawn min hu tal-fehma li s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol tfisser l-istess ħaġa bħal l-ilbies protettiv (Personal Protective Equipment). Xejn affattu. Allavolja l-użu ta' l-ilbies protettiv huwa meqjus bħala miżura preventiva, l-aqwa waħda hi li tindirizza s-sors tal-periklu, per eżempju apparat difettuż.

## L-ISTRESS

S'issa tkellimna dwar il-mard li jaffettwa l-ġisem. Allura l-moħħ ma jistax jimrad ukoll tort ta' ċerti ċirkustanzi fuq il-post tax-xogħol? Kemm hawn nies li jafu li fil-Liġi tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, artiklu 6(2) ta' l-Att XXVII kap.424 tas-sena 2000, jibda' hekk: Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku...?

Meta r-riżorsi mentali u emozzjonali tagħna ma jistgħux ilaħħqu ma' domandi eċċessivi tax-xogħol, inkella ma' ċerta mġiba min-naħa tas-superjuri u ħaddiema oħra, allura m'għandniex għalfejn niskantaw meta fuq iċ-ċertifikat tal-mard, id-dijanjożi tkun dipressjoni, ansjetà jew il-famuża "stress". Ta' min jgħid li l-istress jista' jġib miegħu wkoll il-mard tal-qalb.

## IL-LIVELL TAR-RISKJU



Il-liġi timponi fuq min iħaddem l-obbligu li jdur dawramejt mal-post tax-xogħol u jiddentifika l-perikli u lil min fost il-ħaddiema (u terzi persuni) huwa espost għal dawn il-perikli. Imbagħad il-pass li jmiss hu li jagħmel assessjar tal-livell tar-riskju biex ikun f'pożizzjoni li jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa biex, jekk ma jistax jelimina r-riskju kompletament, almenu inaqqsu għall-iżgħar livell possibbli. Jekk min iħaddem ma jħossux kompetenti biżżejjed biex jagħmel dil-biċċa xogħol hu, allura jista' jqabbad lil ħaddieħor. •



## Għin lill-Knisja u lill-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja billi tagħmel...

# BOROŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**P. Crispin Tabone OFMCap,**
**Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**
**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**

## TIĠDID TA' L-ABBONAMENT FIR-RIVISTA DAWL FRANĠISKAN

Rivista ta' kull xahar fejn, barra tagħrif fuq il-Franġiskani Kapuċċini, il-Missjoni, l-Ordni Franġiskan Sekular, inwasslu tagħrif u tagħlim ieħor li jolqot: il-familja, żgħażagħ u diversi aspetti oħra tal-ħajja.

**DAWL FRANĠISKAN** Jasallek id-dar bil-posta kull xahar.
Imla l-formula t'hawn taħt u ibgħatha flimkien ma' Lm4.00 (€9.32) f'dan l-indirizz:
*Amministrazzjoni Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Triq F.X. Fenech, Floriana FRN 1211*

Jiena ..............................................................

li noqgħod ..............................................................

Kodiċi Postali .............................. Tel ..............................

***Qed nibgħat l-offerta ta' €9.32 (Lm4.00) bħala abbonament għal sena fir-rivista DAWL FRANĠISKAN.***